**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 13 ta' Lulju 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 10/2015 AL**

**A B C**

**vs**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat tar-Rikorrenti[1] li premezz tiegħu ippremettiet:

I. *Illi l-kontendenti huma l-ġenituri tal-minuri Mattias E li twieled nhar it-18 ta' Diċembru 2013 minn relazzjoni li l-istess kontendenti kellhom barra miż-żwieġ;*

[1] Datat 16 ta' Jannar 2015 fol 1 sa 3

II. *Illi, wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, u minħabba l-fatt li l-istess kontendenti ma kienux qiegħdin jaqblu dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-minuri, l-esponenti ppreżentat ittra ta' medjazzjoni, ossija ittra numru 1380/14, fl-istess ismijiet hawn fuq premessi, li permezz tagħha hija talbet l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex hija tkun tista' tipproċedi b'kawża kontra l-konvenut dwar il-kura, l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-istess minuri;*

III. *Illi, minkejja l-proċeduri ta' medjazzjoni hawn fuq imsemmija, l-kontendenti baqgħu ma laħqux qbil dwar kwistjonijiet hawn fuq imsemmija u konsegwentement l-istess proċeduri ġew dikjarati magħluqa permezz ta' digriet tat-28 ta' Novembru, 2014 (**DOK: A**);*

IV. *Illi bis-saħħa tal-istess imsemmi digriet, ingħataw is-segwenti ordnijiet pendente lite, ossija:*

*(i) Li l-kura u l-kustodja tal-minuri Mattias E tkun f'idejn l-esponenti;*

*(ii) Li l-konvenut ikollu aċċess għall-istess minuri kif stabbilit fl-abbozz hawn anness **(DOK: B);***

*(iii) Li l-konvenut iħallas lill-esponenti, bħala manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri, l-ammont, u s-sehem mill-ispejjeż, kif stabbilit fl-istess abbozz, ossija €180 kull xahar, flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u ta' saħħa , kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji;*

V. *Illi l-esponenti temmen, umilment, illi l-ewwel ordni hawn fuq mogħtija għandha tiġi kkonfermata b'mod permanenti, ossija, l-kura u l-kustodja tal-minuri Mattias E għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-istess esponenti, u dan billi, fost oħrajn, l-esponenti tħoss illi*

*l-konvenut mhux dejjem jaġixxi fl-aħjar interessi tal-minuri, u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

VI. *Illi, biss biss jingħad illi d-digriet tat-28 ta' Novembru 2014, hawn fuq imsemmi, ingħata f'ċirkostanzi fejn nhar il-25 ta' Novembru 2014, il-konvenut, wara li kien ilu ġimgħat sħaħ ma jitlob illi jkollu kuntatt mal-minuri, mar minn jeddu ġewwa n-nursery fejn ikun il-minuri u, mingħajr ma avża lill-esponenti, ħa lill-istess minuri miegħu f'post, jew f'positijiet, li ma kienux magħrufha lill-esponenti;*

VII. *Illi dan l-aġir tal-konvenut wassal sabiex l-esponenti spiċċat preokkupata ferm, kemm għaliex hija kienet tal-umli fehma illi dan ma kienx aġir ċivilizzat, kemm għaliex il-minuri kien jinstab taħt kura medika li ma setgħetx tiġi sospiża -liema kura l-konvenut ma jafx biha għaliex, kif ġja ingħad, huwa ma kienx għadu juri wisq interess fl-istess minuri matul il-ġimgħat ta' qabel dan l-episodju – u anke għaliex, frankament, l-esponenti ħasset li l-aġir tal-konvenut ma kienx wieħed ta' eżempju tajjeb jew fl-aħjar interess tal-minuri;*

VIII. *Illi, minn naħa l-oħra, l-esponenti tħoss illi l-aċċess li qiegħed igawdi l-konvenut għall-minuri -partikolarment f'dan l-istadju meta l-minuri għad għandu biss ftit aktar minn sena – kif ordnat permezz tat-28 ta' Novembru 2014, għandu jiġi varjat, billi fost oħrajn, il-konvenut m'huwiex kapaċi jieħu ħsieb tal-istess minuri għal tant ġranet u ħinijiet kif ordnat permezz tal-istess imsemmi digriet, u anke għaliex , kif ġja ingħad, il-konvenut mhux dejjem jaġixxi fl-aħjar interessi tal-minuri, u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*IX. Illi, apparti minn hekk, l-esponenti temmen ukoll, illi tenut kont, fost oħrajn, tal-bzonnijiet tal-minuri u tal-introjtu tal-konvenut minn negozju tiegħu, il-manteniment stabbiliti pendente lite permezz tal-istess imsemmi digriet huwa baxx wisq – u dan anke jekk il-konvenut, għall-ewwel darba, qiegħed isostni li huwa diżokkupat, minkejja li huwa għadu jmexxi n-negozju tiegħu kif kien jagħmel qabel, b'mod li jista' jarah kulħadd – u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazjoni tal-kawża;*

*X. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri neċessarja u opportuna:*

*1. TORDNA li l-esponenti tiġi fdata bil-kura u bil-kustodja esklussiva tat-tifel minuri tal-kontendenti Mattias E, u tiffissa ġranet, ħinijiet u modalitajiet ta' aċċess favur il-konvenut;*

*2. TIKKUNDANNA lill-konvenut sabiex iħallas lill-esponenti dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata – inkluż spejjeż mediċi u ta' edukazzjoni - illi tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u li tkun pagabbli mill-istess konvenut lill-istess esponenti għall-bżonnijiet tal-minuri Mattias E, u tordna li tali alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew mill-qliegħ tal-istess konvenut permezz ta' standing order, jew b'modijiet oħrajn, u tipprovdi dwar il-mod ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u awmentat kull sena sabiex jirrifletti ż-żidiet fl-għoli tal-ħajja.*

*Bl-Ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;[2]

Rat ir-Risposta Ġuramentata[3] ta' D E fejn ġie eċċepit:

*1. Illi l-partijiet kienu ġia` ftehmu dwar abbozz dettaljat, liema abbozz ġie debitament awtorizzat mill-Qorti, iżda minkejja d-debita awtorizzazzjoni, l-attriċi irrifjutat li taddivjeni għall-pubblikazzjoni tiegħu.*

*2. Illi l-abbozz ħaseb għall-quantum tal-manteniment li kellu jkun ta' 180 Eur fix-xahar, għall-kura u l-kustodja li kellha tkun konġunta u fuq aċċess dettaljat li jisnab elenkat f'parti tnejn (II) tal-abbozz.*

*3. Illi l-attriċi ma tistax tilmenta mill-fatt li d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Novembru 2014 huwa ħażin f'dak li jirrigwarda l-quantum tal-manteniment u l-aċċess li l-konvenut għandu tal-minuri F E, meta kienet hi stess li qablet miegħu. Minn dak in-nhar li tat l-approvazzjoni tagħha għall-abbozz sa ma ngħata d-digriet ma nbidlet l-ebda ċirkostanza.*

*4. Illi l-attriċi ftehmet ukoll fuq kura u kustodja konġunta, u d-digriet tat-28 ta' Novembru, 2015 varja dan l-aspett peress illi l-partijiet bdew jitlewmu u mhux fuq bażi ta' prinċipju.*

*5. Illi l-allegazzjoni li l-minuri kien taħt kura medika meta l-esponenti mar għalih fin-nursery hija għal kollox inveritiera. Meta l-konvenuta tat l-awtorizzazzjoni tagħha lill-medjatur sabiex tippreżenta l-abbozz għall-awtorizzazzjoni kienet ben konxja mill-hekk imsejħa kondizzjoni medika. Kien biss wara li naqset li taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt li bdiet*

[2] Fol 4
[3] Fol 23 sa 24

*tillamenta minn din il-kondizzjoni. Sa llum l-esponenti mhuwiex konxju minn din il-kondizzjoni.*

*6. Illi ma jservi xejn għall-attriċi li tillamenta mill-fatt li l-aċċess li għandu l-attur huwa esagerat . Kull ma għamlet il-Qorti permezz tad-digriet tat-28 ta' Novembru, 2014, kien li għamlet referenza għall-abbozz u ordnat li jkun jifforma parti mid-digriet.*

*7. Illi gjaladarba l-attriċi qablet mal-kontenut kollu tal-abbozz tant li tat l-approvazzjoni tagħha, it-talbiet attriċi għandhom jirriflettu dak li kien maqbul bejn il-partijiet u li għal raġunijiet li taf hi stess, l-attriċi irrifjutat li tiffirma.*

*8. Illi ġjaladarba l-attriċi rrifjutat li taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt mingħajr raġuni valida, għandha tkun hi li tbati l-ispejjż kollha tal-kawża.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat.[4]

Rat id-digriet tat-28 ta' Novembru 2014 fejn il-Qorti ordnat *inter alia*:

- li *pendente lite* l-kura u kustodja tal-minuri Mattias E tkun f'idejn ir-rikorrenti u magħha jirrisjedi;
- li *pendente lite* l-intimat ikollu aċċess fil-jiem u ħinijiet indikati fl-abbozz tal-kuntratt[5], u ċioe`: - sakemm il-minuri jibda l-iskola kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn 12.00 u is-19.00 u meta l-minuri jibda l-iskola kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn is-14.00 u s-19.00, u wara li l-minuri jagħlaq sentejn

[4] Fol 25

[5] Fol 10 – 15 eżebit bħala Dok. B. L-istess dokument ġie ezebit a fol 43 sa 48, u a fol 56 sa 61;

kull l-ewwel Sibt u t-tielet Sibt tax-xahar bejn is-18.00 tas-Sibt sas -18.00 tal-Ħadd. L-Aċċess fil-Festi ġie regolat ukoll permezz ta' dan id-digriet;
- li *pendente lite* l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti bħala manteniment għall-minuri Mattias l-ammonti u l-ispejjeż indikati fl-abbozz tal-kuntratt ippreżentat fl-Atti, u ċioe`: €180 fix-xahar flimkien ma' nofs l-ispejjeż mediċi u ta' edukazzjoni;
- il-medjazzjoni bejn il-partijiet magħluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża ai termini tal-liġi;[6]

Rat id-digriet *pendente lite* tal-1 t'Ottubru 2015 fejn il-Qorti varjat il-ħinijiet tal-aċċess indikati fid-digriet tat- 28 ta' Novembru, 2014, iżda ċaħdet it-talba tal-omm għall-varjazzjoni fl-ammont ta' manteniment pagabbli lilha kull xahar mill-intimat għall-bżonnijiet tal-minuri;

Rat il-verbal tal-25 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti ħatret lil Dr Caroline Farrugia Frendo bħala Perit Legali;

Rat il-verbal tal-15 t'Ottubru, 2015, fejn abbażi ta' dak mitlub mill-perit legali din ġiet sostitwita, u l-Qorti ħatret lil Dr Tanya Sammut Catania;

Rat in-nota[7] tal-perit legali Dr Tanya Sammut Catania li permezz tagħha talbet li tiġi sostitwita minħabba l-possibilita` ta' kunflitt t'interess;

Rat il-digriet tal-5 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti ssostitwiet lil perit legali u minflokha ħatret lil Dr Abigail Critien;

[6] Fol 8-9 – eżebit bħala Dok. A. L-istess dokument ġie eżebit a fol 49 ss 50
[7] Fol 65

Rat id-Digriet[8] tas- 7 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti ordnat hekk fir-rigward tal-aċċess fil-Ħdud: " *Tordna li ghalissa, l-intimat ikollu aċċess għall-minuri fl-ewwel u fit-tielet Ħadd ta' kull xahar, bejn id-9.00 am sas-18.00 pm u tordna li l-konvenut jiġbor lill-minuri minn ħdejn il-knisja parrokjali ta' Wied il-Għajn għall-aċċess u jerga' jirritornah hemm fit-tmiem tal-aċċess*"

Rat id-digriet[9] tal-24 ta' Diċembru, 2015 li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti rigward l-aċċess tal-intimat fi żmien il-Milied ta' dik is-sena. F'dan id-digriet il-Qorti ċaħdet ukoll it-talba tal-esponenti sabiex waħedha tapplika għall-ħruġ tal-passaport tal-minuri, in vista tal-fatt li l-missier kien lest li jagħti l-kunsens tiegħu ;

Rat id-digriet tal-21 ta' April, 2016 fejn il-Qorti approvat l-abbozz ippreżentat permezz ta' nota konġunta tal-partijiet tal-21 t'April, 2016;

Rat id-digriet[10] tat-8 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex wara kunjom il-missier l-istess minuri jkollu miżjud kunjomha wkoll;

Rat id-digriet[11] tal-4 ta' Lulju 2016 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimat rigward l-aċċess għall-minuri fil-perjodu tal-festa tal-Kalakara, iżda l-Qorti pprovdiet ukoll li dan kellu jitnaqqas mill-aċċess tiegħu għall-minuri fid-29 ta'
Lulju, 2016 bejn 12.00 u l-5.30 sabiex l-omm rikorrenti tmur Għawdex mal-minuri u mal-familjari tagħha;

[8] Fol 73
[9] Fol 80
[10] Fol 119
[11] Fol 126

Rat id-digriet tas-26 ta' Settembru, 2017 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba sabiex jiġi revokat *contrario imperio* d-digriet mogħti minnha fil-15 ta' Lulju, 2017;

Rat id-digriet tat-23 ta' Ottubru, 2017. Permezz tiegħu l-Qorti rrevokat id-digriet mogħti minnha fis-26 ta' Settembru, 2017, ikkonfermat id-digriet mogħti minnha fil-15 ta' Lulju, 2017, filwaqt li ċaħdet dak mitlub mill-initmat fir-rikors tiegħu tas-26 ta' Lulju, 2017;

Rat id-digriet tas-16 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-missier biex jiġi awtorizzat biex isiefer mal-minuri iżda b'dana li jgħaddi n-numru telefoniku fejn l-omm tkun tista' tkellem lill-minuri darbtejn kuljum waqt is-safra;

Rat id-digriet tal-15 ta' Ottubru, 2018 fejn il-Qorti ordnat u awtorizzat ir-rikorrenti biex toħroġ in-notifika kif mitlub minnha;[12]

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru, 2018 fejn il-Qorti appuntat ir-rikors tar-rikorrenti[13] għas-smiegħ;

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru, 2018 li permezz tiegħu l-Qorti ordnat u awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tiffirma waħedha kwaslisasi dokumentazzjoni relattiva għall-edukazzjoni li jirrigwardaw deċiżjonijiet mhux ta' natura straordinarja. Permezz ta' dan id-digriet il-Qorti ordnat u regolat il-*pick-up* u *drop off* qabel u wara l-aċċess, u l-ħruġ ta' Passaport ristrett għal safra speċifika. [14]

[12] Fol 457
[13] Fol 2-3 ta' 10/15/1 AL rigward rifjut tal-intimat għal notifika
[14] Fol 470

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru, 2018 li permezz tiegħu l-Qorti rat li l-intimat D E ġie notifikat bl-atti msemmija fir-rikors tar-rikorrenti tat-22 ta' Ottubru, 2018;

Rat id-digriet tat-18 ta' Diċmebru, 2018[15] li permezz tiegħu, l-Qorti ċaħdet it-talba tal-intimat għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-24 ta' Mejju, 2018;

Rat-id-digriet tat-18 ta' Diċembru, 2018[16] li permezz tiegħu l-Qorti ordnat aċċess addizjonali fi ġranet speċifiċi *ai termini* tar-rikors tal-intimat u skont il-kondizzjonijiet indikati fir-risposta tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tas-16 ta' Jannar, 2018[17] li permezz tieġħu l-Qorti awtorizzat lill-intimat biex isiefer mal-minuri;

Rat id-digriet tas- 7 ta' Diċmembru, 2022;

Rat id-digriet tat-23 ta' Diċembru, 2022;

Rat id-digriet tas-17 ta' April, 2023, fejn il-Qorti ordnat u awtorizzat l-aċċess tal-intimat rigward l-eżami tal-pjanu;

Rat l-affidavit[18] tar-rikorrenti u d-dokumenti eżebiti mal-istess[19];

[15] Fol 485
[16] Fol 498
[17] Fol 186
[18] Fol 90 sa 96 immarkat bħala "Dok. AJC"
[19]Fol 97sa 104, immarkati bħala "Dok. AJC 1" u "Dok. AJC 2"

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda mresqa, u d-dokumenti eżebiti, li fil-maġġior parti ġew miżmuma u mresqa quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien;

Rat ukoll id-dokumenti li ġew eżebiti mal-varji rikorsi u risposti tal-partijiet;

Rat l-atti proċesswali;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Abigail Critien;[20]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;[21]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat;[22];

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-2 ta' Mejju, 2023, in segwitu għan-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mill-intimat. Permezz ta' dan ir-rikors ir-rikorrenti talbet lil-Qorti sabiex tisfilza n-nota ta' sottomissjonijiet tal-initmat;

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju, 2023 minn fejn jirriżulta li ħadd ma deher għas-seduta u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-13 ta' Lulju, 2023;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-13 ta' Ġunju 2023 fejn talbet lil Qorti sabiex tiġi awtorizzata tinnotifika lill-intimat bir-rikors tagħha tat-2 ta' Mejju, 2023, u bi kwalsiasi att ieħor waqt il-*hand over* tal-aċċess;

---

[20] Fol 594 sa 630
[21] Fol 635 sa 640
[22] Fol 641 sa 649

Rat id-digriet tal-15 ta’ Ġunju, 2023 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti *ai termini* ta’ dak mitlub fir-rikors tat-13 ta’ Ġunju, 2023;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Lulju, 2023;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenża għal-lum u sallum;

Ikkunsidrat:

1. Il-Qorti tibda billi tikkonsidra kwistjoni proċedurali ssollevata mir-rikorrenti, fejn talbet l-isfilz tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat ippreżentat nhar il-5 t’April, 2023:

Permezz ta’ dan ir-rikors ir-rikorrenti qed titlob li n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat tiġi sfilzata peress li skontha din in-nota ta ‘sottomissjonijiet tal-initmat tikkontjeni: “*allegazzjonijiet foloz li bl-ebda mod ma jirriżultaw mill-atti...*[23]

Mill-atti jirriżulta li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat indirizza l-posizzjoni tiegħu fuq l-istess kap li mxiet magħhom il-perit legali fir-rapport tagħha. Il-Qorti taqbel in parte ma’ dak sollevat mir-rikorrenti fir-rikors tat-2 ta’ Mejju, 2023 u dan għaliex fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu l-inimat ma’ llimitax ruhu għall-osservazzjonijiet tiegħu biss. Għalhekk filwaqt li l-Qorti qed tagħmilha ċara li mhux ser tieħu in konsiderazzjoni ċertu allegazzjonijiet li ma jirriżultawx mill-atti, iżda minkejja dan ma tħossx li għandha għalfejn tisfilza n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat, u għalhekk qed twarrab din il-pretensjoni tar-rikorrenti.

[23] Vide Vol 4

Bl-istess mod, il-Qorti mhux ser tikkonsidra ċerti argumenti *ossia* sottomissjonijiet mressqa permezz ta' dan ir-rikors tat-2 ta' Mejju, 2023, u dan għaliex ir-rikorrenti qatt ma kisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tagħmel replika.

**KONSIDERAZZJONIJIET FIL-MERTU**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, il-Qorti tara illi huwa idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, ċioe`riassunt: tax-xhieda tar-rikorrenti; ix-xhieda tal-intimat, il-provi u x-xhieda mressqa kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit legali, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutli.

2**. Ir-Rapport tal-Perit Legali:**

Il-Perit Legali Dr Abigail Critien ġiet maħtura għal tali skop fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2015 fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha żammet numru ta' seduti. Qabel ma jiġu elenkati s-seduti li saru quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, irid jingħad li kienu saru wkoll żewġ seduti quddiem il-Perit Legali Dr Caroline Farrugia Frendo.

Seduti quddiem il-Perit Legali Dr Caroline Farrugia Frendo:

- Fit-12 ta' Mejju 2015 – fejn ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrenti immarkat bħala Dok. 'AJC' kif ukoll id-dokumenti mmarkati Dok. 'AJC 1' u 'Dok. AJC 2; ;
- Fl-4 ta' Ġunju, 2015 – liema seduta kienet intiża għall-eżami tal-intimat iżda ma attendiex għas-seduta u b'hekk ma sar xejn.

Is-seduti quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien huma dawn li ġejjin :

- *29 ta' Frar 2016;*
- *10 ta' Ġunju 2016;*
- *20 ta' Settembru 2016;*
- *14 ta' Novembru 2016;*
- *30 ta' Jannar 2017;*
- *14 ta' Marzu 2017*
- *2 ta' Mejju 2017;*
- *12 ta' Lulju 2017;*
- *14 ta' Novembru 2017;*
- *28 ta' Frar 2018*
- *16 ta' Mejju 2018;*
- *22 t'Ottubru 2018;*
- *17 ta' Jannar 2019;*
- 4 ta' Marzu 2019;
- 20 ta' Jannar 2020;
- 7 t'Ottubru 2021;
- 5 ta' Novembru 2021;
- 30 ta' Novembru 2021.

Wara li l-perit legali rat ir-rikors ġuramentat, ir-risposta ġuramentata u elenkat is-seduti appena ċitati, kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti:

***<u>Ix-Xhieda tal-Attriċi</u>***

*Illi l-attriċi tippreżenta affidavit*[24] *fejn tagħti deskrizzjoni tar-relazzjoni tagħhom u għala spiċċat. Tiddiskrivih bħala raġel pussessiv, għajjur u vjolenti b'dan li tiddiskrivi episodji ta' theddid u vjolenza anke fil-konfront ta' familjari tagħha. Iżda maż-żmien u minħabba diversi ċirkustanzi, reġgħu bdew ir-relazzjoni tagħhom b'dan li l-partijiet marru jgħixu flimkien għand ommu u eventwalment ukoll telqet l-istudji u l-pjanijiet li kellha biex marret taħdem miegħu fil-ħanut tal-ħaxix. F'Marzu 2013 ħarġet tqila u minkejja tali tqala, baqgħet taħdem fl-istess ħanut u minkejja li kienet iċċempillu tibkilu u tgħidlu li ma kienitx tiflaħ aktar minħabba l-uġiegħ f'saqajha, xorta waħda kien imur għaliha fis-7.00pm. Issemmi wkoll il-fatt li anke meta kienet tqila kien hemm episodji ta' vjolenza fejn qabadha minn xagħrha u ħariġni l-barra mill-ħanut u darb'oħra meta imbuttaha b'tant saħħa li għal ftit ma waqgħetx mal-art. Tgħid ukoll li kien jgħid kliem li daqt 'jeħles' minnha u li sabet pistola fil-karozza u meta kkonfrontatu fuqha qallha biex ma tindaħalx.*

*Wara li twieled il-minuri Mattias is-sitwazzjoni baqgħet l-istess b'dan li qatt ma kien jgħinha f'dak li kellu x'jaqsam mat-tarbija u tiddiskrivih bħala persuna li kien iħalliha prattikament tagħmel kollox waħedha tant li meta t-tifel kien iqum bil-lejl jibki lanqas kien iqum kien imur jorqod fuq is-sufan jew kien igerger ħafna. Tgħid li pruvat tkellmu bil-kelma t-tajba u anke pruvat tkellem lil ommu imma kien kollu ta' xejn. Fl-aħħar ħasset li ma setgħet tagħmel xejn aktar ħlief li titlaq mingħand ommu. Għall-ewwel beda jitlob li jara lil ibnu ta' spiss imma mbagħad kif bdew għaddejjin il-ġimgħat qisu beda jitlef l-interess. Tispjega li fi żmien li kienu qed jiddiskutu l-kuntratt ta' bejniethom, il-manteniment kien il-bone of contention minkejja li kellu l-mezzi biex iħallas. Iżżid tgħid li minkejja li*

[24] Esebit a fol 90 tal-proċess

*baqa' sod fuq is-somma ta' €180 fix-xahar bħala manteniment, qatt ma ħallasha sehemu mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess anke fiż-żmien tal-preżentata tal-istess affidavit. F'dan il-kuntest tannetti wkoll prospett[25] tal-ispejjeż li tinkorri għal dan it-tifel li jammontaw għal €707.84 fix-xahar u għalhekk tħoss li l-manteniment għandu jkun dak ta' €350 fix-xahar.*

*Issemmi episodju fejn wara li kien ilu ma jkollu kuntatt mat-tifel għal diversi ġimgħa, qabad u mar ġabru min-nursery mingħajr ma qallha. Qabadha paniku kbir anke għaliex it-tifel kien qed jieħu l-kura li l-intimat ma kienx jaf biha għax ma kienx hemm kuntatt bejniethom u dan l-episodju wassal għad-Digriet tal-24 ta' Novembru 2014 imsemmi aktar 'il fuq. Ħasset li l-kuntratt ma kienx biżżejjed u għalhekk intavolat il-kawża odjerna.*

*Temmen li mhux fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tkun konġunta u għalhekk trid li l-kura u l-kustodja tibqa' f'idejha u jiġi kkonfermat id-digriet tat-28 ta' Novembru 2014 anke għaliex per eżempju l-intimat irrifjuta li jiffirma biex it-tifel imur in-nursery mingħajr ebda raġuni u qalilha wkoll li t-tifel irid imur skola tal-Gvern biex naturalment ma jħallasx. Min-naħa l-oħra hi temmen li d-deċiżjoni dwar l-iskola għandha tittieħed fl-aħjar interessi tal-minuri, fil-mument opportun u skond il-posizzjoni finanzjarja ta' dak iż-żmien. Bl-istess raġunament, l-attriċi tgħid li l-intimat jinsisti li t-tifel jittieħed biss fil-kliniċi tal-Gvern iżda l-istess attriċi tħoss li dawn mhux affarijiet ta' flus imma x'inhu l-aħjar għat-tifel bħal per eżempju ġġiblu tabib id-dar jekk ikun ma jiflaħx u li jkun segwit dejjem mill-istess tabib.*

[25] Ara Dok. AJC1 esebit a fol 97 u 98 tal-proċess

*Dwar l-aċċess tgħid li dan għandu jinbidel u jsir mis-1.00pm għax dak hu l-ħin li fil-verita' jmur għalih sal-5.30pm b'dan li jkun hemm komunikazzjoni tajba bejniethom dwar per eżempju l-ikel li jkun kiel it-tifel waqt l-aċċess.*

*Tippreżenta akkuża kontra l-intimat flimkien mal-affidavit relattiv ta' WPC 356*[26] *Natasha Vella dwar inċident li seħħ fis-26 ta' Diċembru 2014 b'dan li tgħid ukoll li kien hemm episodji oħra bejniethom għaliex l-intimat beda jallega li kienet qed tgħawwi lill-minuri kontrih filwaqt li hi qaltlu li dan lanqas kien biss possibbli meta t-tifel kellu biss sena, apparti l-fatt li ma kellha ebda intenzjoni li tagħmel dan u spiċċa jimbuttaha f'nofs ta' triq waqt li kienu mixjin lejn l-għassa.*

*L-attriċi mbagħad terġa' tixhed waqt is-seduta quddiem l-esponenti bħala Perit Legali nhar is-7 t'Ottubru 2021*[27] *b'dan li tippreżenta dokument li ġie mmarkat bħala Dok. ACA1*[28] *fih l-ikel li tikkonsma l-familja tagħha t'4 u l-ispejjeż li huma relatati mal-minuri biss. Fl-istess dokument hemm ukoll imniżżla l-ispejjeż tas-saħħa, spejjeż ta' dentist, mediċini, l-ispejjeż tal-iskola fejn anka jidħlu l-birthday presents, presents tat-teachers, l-uniformijiet, id-donations eċċ.. iżda tgħid li ma jinkludix l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari li jattendi l-minuri li dak iż-żmien tal-istess xhieda kienu l-scouts peress li kienet għadha ma ħallsitx u ma kienitx għadha taf bħala expense kemm ħa tiġi. Hemm imniżżel ukoll il-football li kien qiegħed naqra wieqaf ħabba l-covid pero' hemm l-intenzjoni li jerġa' jibda. Fil-lista hemm ukoll inkluż is-Summer School, is-Summer Camp tal-football, expenses fejn jidħlu eżempju hair cuts. Fejn jidħlu affarijiet ta' skola hemm craft items li dawn jiġu both fis-Summer School kif ukoll fl-*

[26] Ara Dok. AJC2 esebit a fol 99 sa' 104 tal-proċess
[27] Seduta quddiem il-Perit Legali datata s-7 t'Ottubru 2021 a fol 546 tal-proċess
[28] Esebit a fol 551 tal-proċess

*iskola normali. B'hekk tiddikjara li l-ispejjeż globali għall-minuri jammontaw għal €11,026.50 fis-sena. Dan kollu hu elenkat fl-istess dokument imsemmi aktar 'il fuq (Dok ACA 1) li ġie preparat mill-istess attriċi u tieħu ġurament fuqu.*

*L-attriċi żżid tgħid li bħal issa l-intimat qed iħallas manteniment ta' €180 fix-xahar. Tgħid li l-minuri jattendi skola tal-knisja b'dan li l-fee hi ta' €120 kull term li tħallashom hi. Mistoqsija dwar jekk l-intimat iħallasx sehemu mill-ispejjeż tal-iskola tgħid li s-sena ta' qabel kien għaddielha l-ispejjez tal-uniformi u l-kotba imma din is-sena kienet għadha ma għaddithomlux għax riedet tiġbor kollox u b'hekk imbagħad l-intimat iħallas nofshom. L-attriċi tgħid li l-uniku kontribut tal-intimat allura hu l-manteniment u l-ispejjeż tal-uniformijiet u l-kotba għaliex meta kienet tgħaddilu r-riċevuti dejjem bil-problemi u tispiċċa ma tiġborhomx bħal per eżempju tad-dentist. Tiddikjara li l-ispejjeż tad-dentist qatt ma għaddihomlha (minkejja li l-minuri diġa' kellu bżonn 6 fillings), tat-tabib l-istess qatt ma għadda flus għaliex jgħidilha li hemm il-policlinic jew hemm servizzi tal-Gvern jekk ikollu bżonn filwaqt li meta tagħtu l-karta li taha d-dentist qallha li din m'hijiex fiskali u rrifjuta li jħallas. Tispjega pero' li fil-verita dejjem ħadmet bit-tabib tal-familja u ma tifhimx għala għandha tieħu lill-minuri l-policlinic jew sptar meta jinqalalu xi ħaġa. L-attriċi żżid tgħid li staqsiet lid-dentist għal riċevuta fiskali iżda spjegalha li huma exempt bħala professjonisti u għalhekk ma seta' jagħtiha xejn aħjar. Tispjega wkoll li biex l-intimat ħallas għall-football kellha taċċetta li l-minuri jilgħab mal-Hibs minflok ma' club li hu aktar viċin. Tgħid li preżentement kwantu għat-traġitt jekk it-tifel ikun magħha tieħdu hi u jekk ikun miegħu jieħdu hu – pero' jekk ma jkunx jaqbel ma' xi attivita' extra-kurrikulari, l-intimat ma jieħdux u għalhekk tipproponi li għall-anqas f'dawk il-granet, isir bdil fil-ġurnata biex ikun jista t-tifel xorta jattendi għal dik l-extra curricular activity partikolari.*

*Tiddikjara li l-komunikazzjoni ta' bejniethom hi diffiċli ħafna u hi limitata biss għall-messaġġi.*

*Dwar l-aċċess tgħid li dan hu t-Tlieta u l-Ġimgħa mis-2:00pm sas-7:00pm. Imbagħad ikollu sleepover alternating darba mil-Ġimgħa mis-6:00pm sas-6:00. U darba mil-Ġimgħa fis-6:00pm sas-sibt fis-6:00pm. Imbagħad ta' wara tiġi mis-Sibt fis-6:00pm sal-Ħadd fiss:6:00pm. Tipproponi li l-aċċess għandu jibda fit-3.30pm biex il-minuri jilħaq jagħmel il-homework u x-xogħol tal-iskola żdied. Mistoqsija x'inhi l-problema li l-minuri jagħmel il-homework ma' missieru l-attriċi tgħid li meta jmur lura magħha, tiċċekja l-homework u ssib firem u affarijiet nieqsin għax l-intimat traskurat u meta pruvat tkellmu, qalilha, '***dak xogħol it-teacher tarah it-teacher***'. Tgħid li ma tistax toqgħod tagħmel il-homework meta jasal lura fis-7.00pm għax bil-kemm ikun hemm ċans. Fil-fatt tgħid li mhux l-ewwel darba li t-tifel ikun irid jiekol xorta għalkemm ġieli jiekol miegħu. Imma sakemm taħsilhom, iddaħħalhom jorqdu, jgħidu dik il-kelma, jkun irid naqralhom xi naqa storja u fit-8:00pm huwa impossibli li traqqadhom min ħabba l-ħin li niġbru.*

*Tixtieq ukoll li jiġi ċċarat li fil-festi l-aċċess ma jiġix eżerċitat u li jkun hemm alternating fil-festi biex festa minnhom il-minuri jkun mal-omm u f'festa oħra jkun mal-missier. L-aċċess isir minn lejliet tali festa fis-6.00pm sal-għada fis-6.00pm.*

*Tixtieq ukoll li f'ċertu ġranet partikolari, l-intimat ma jkollux aċċess u ċioe' fil-Mother's Day, il-Birthday tal-attriċi stess u l-Birthday ta' oħtu G u ċioe' l-21 ta' Settembru 2017. Kwantu għall-birthday tal-minuri, tipproponi li l-ġurnata tinqasam bejniethom.*

*Mistoqsija dwar l-andament tal-aċċess issemmi episodju fejn it-tifel mar il-knisja waħdu. Tgħid li l-intimat joqgħod ħafna viċin il-knisja imma xorta tħassbet minħabba l-karozzi. Tgħid li hi inkwetata wkoll fuq il-viċinanzi u l-inħawi għax ikun hemm ċertu – tgħid li hemm anka ħafna drogi nvoluti u din hija xi ħaġa li jafuha n-nies tal-Kalkara kollha u hu f'dan il-kuntest li ma tridx li l-minuri jkun waħdu wkoll.*

*Dwar l-impjieg tal-intimat tgħid li issa qiegħed armat għal rasu jagħmel xi drainage u affarijiet fit-toroq. Infatti għandu kumpanija Almat Excavation Works għaliex il-green grocer kien għalqu. Tispjega li taf b'dan kollu għaliex mhux l-ewwel darba li t-tifel ikun miegħu fuq ix-xogħol. Jiġi anka bl-inġenji tiegħu. Kemm il-darba jitkellem mat-tifel fuq inġenji li ikun qed jixtri. U tgħid ukoll li mhux l-ewwel darba li ratu fit-toroq jagħmel dan ix-xogħolijiet. Tgħid ukoll li għandu l-impjegati miegħu li pero' isimhom ma tafux.*

***Ix-Xhieda tal-Intimat***

*L-intimat xehed in subizzjoni waqt is-seduta tal-20 ta' Settembru 2016*[29] *u permezz ta' tali xhieda jgħid li jaħdem f'ħanut 'Paradise Green Grocer' Żejtun, liema ħanut huwa tiegħu fis-sens li hu mikri lilu. Krieh 16-il sena qabel tali xhieda b'dan li jiddikjara wkoll li kien hemm konvenju biex jinbiegħ u allura kien ġie avżat 6 xhur qabel biex joħroġ mill-ħanut peress li l-kirja skadiet kif ukoll minħabba dan il-konvenju bejn is-sidien u terzi. Iddikjara għalhekk li kien ser jiġi bla xogħol.*

[29] Ara a fol 197 tal-proċess

*Jgħid li fil-ħanut jagħmel kollox hu minn fuq s'isfel, karti (l-ordnijiet u l-prezzijiet), ħasil u kollox għax dan ħanut żgħir, 35 metru kwadru. Meta ma jkunx il-ħanut, il-ħanut ikun magħluq għax jaħdem biss nofs ta' nhari. Jispjegat li l-karti ma jgħaddihom lil ħadd, lanqas lil xi accountant jew awditur. Jgħid li hu reġistrat mal-VAT department u mhux exempt. Jiftaħ fis-7:00am u jagħlaq il-ħanut fl-12:00pm. Ibiegħ ħaxix (naqriet) u preserves bħall-grocers l-antiki u jiddikjara li ma jiġġestixxi ebda ħanut ieħor. Apparti l-ħanut jgħid li ma jagħmel ebda negozju ieħor. Jixtri l-prodotti għall-ħanut mingħand Alf Mizzi u aġenti varji fosthom Bandallo, Direct Imports u l-Pitkali. Mill-Pitkali jixtri kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis. Jixtri mingħand Joe, Christian u Peter l-aktar li kollha jaħdmu l-Pitkali. Il-VAT Returns idaħħalhom hu stess. Ma jeskludix li hemm oħrajn li jixtri mingħandhom. Iżid jgħid ukoll li m'għandu ebda attivita' kummerċjali oħra apparti l-ħanut imsemmi b'dan li jżid jgħid ukoll li l-ħanut sejjer ħażin.*

*Jgħid ukoll li qiegħed jaħdem nofs ta' nhar u li din l-idea kienet tat-tabib għax beda jħossu ssikkat ħafna hemm ġew u ried inaqqas l-istress għalkemm jiddikjara li m'għandu ebda kondizzjoni medika. It-tabib issuġġerielu l-yoga, xi passiġġata u dawra bir-rota.*

*Jiddikjara li għandu proprjeta' waħda f'ismu li hi kollha dejn. Din il-propjeta' jaħseb li nxtrat xi sentejn qabel tali xhieda. Għandu wkoll 3 vetturi fuq ismu - Transit Mark 2 tas-70s (FAG 614) pero' mbagħad jikkoreġi ruħu u jiddikjara li tali vettura mhix fuq ismu u mhix tiegħu u jżid jgħid li għandu Toyota (EAD 025), Mercedes 124 in-number plate ma jafux u RX7 tan-1992 (PHI pero' n-numri ma jafhomx) li qiegħed f'negozju biex ibiegħu għax inqabad bla flus. Jiddikjara li m'għandux inġenji tal-baħar.*

*Waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 quddiem l-esponenti Perit Legali l-intimat jiddikjara li ma ġab miegħu ebda dokument (minkejja li kien mitlub dan mill-attriċi) għax sostna li m'huwiex obbligat li jippreżenthom. L-intimat baqa' jinsisti (anke fis-seduti sussegwenti) li ma jesebixxix tali dokumenti b'dan li waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2021, l-intimat irrifjuta li jiffirma verbal li sar minnu stess u rriżulta wkoll li rrekordja s-seduta bi ksur ta' kull proċedura u naturalment mingħajr l-awtorizzazzjoni jew il-kunsens tal-esponenti jew tal-konsulent legali tal-attriċi tant li l-istess esponenti ntavolat nota dwar dan[30]. Irid jingħad li waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2021 l-istess intimat iddikjara li d-dokumentazzjoni mitluba ġiet maħruqa mal-van li nħaraq, iddikjara li ma jafx bil-grocer fi Triq l-Arċisqof Zahra Żejtun, iddikjara li hu direttur f'Almat Excavation Works u segretarju u shareholder uniku wkoll u li biex ifforma tali kumpanija ssellef €50,000 mingħand il-familjari tiegħu u jrid iħallashom lura fi żmien 5 snin. Jiddikjara li tali flus intużaw għall-makkinarju u biex tinfetaħ il-kumpanija li dak iż-żmien tal-istess seduta kienet topera.*

1. ***__Il-Provi u x-Xhieda Mressqa__***

*(a) In-**Nutar Amanda Grech**[31] li preżentat kopja legali ta' kuntratt t' akwist (self u bejgħ) fl-atti tagħha stess fejn deher l-intimat bħala xerrej ( Dok AG1[32]) tal-fond ġewwa żejtun, wells square, No3 u li ġie akkwistat minnu għall-prezz ta' €65,000 li minnhom ħa €55,000 dejn mill-Bank;*

*(b) **Michael Mifsud**[33] **in rappreżentanza tad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku fi ħdan Identity Malta** li preżenta r-riċerki kollha fuq l-intimat*

[30] Ara n-Nota tal-esponenti Perit Legali datata t-8 ta' Frar 2021 esebita a fol 539 tal-proċess
[31] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 210 tal-proċess
[32] Esebit a fol 212 tal-proċess
[33] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 210 tal-proċess

*mis-sena 1996 sas-7 ta' Novembru 2017 (Dok MM1)*[34] *li minnhom jirriżulta l-akkwist imsemmi min-Nutar Amanda Grech u esebit in atti wkoll kif ukoll mandat t'inibizzjoni magħmul minn Carmel sive Charles Cilia kontra l-intimat għall-ammont ta' Lm90,000 li permezz tiegħu ġie inibit milli jittrasferixxi l-proprjeta' immobbli tiegħu permezz ta' Digriet tat-13 t'Ottubru 2000*[35]*;*

*(ċ)* ***Stephen Cachia***[36] ***in rappreżentanza ta' Transport Malta*** *li jiddikjara li għamel riċerka fuq l-intimat u esebixxa Dok SC1*[37] *li hu relatat mal-vetturi preżenti li għandu f'ismu (u ċioe' Toyota, Mazda u Mercedes filwaqt li għandu Transit garaxxjat) u Dok SC2*[38] *li kienu reġistrati f'ismu fil-passat. Jiddikjara li l-vettura FAG614 m'hijiex fuq isem l-intimat u jgħid biss li hi vettura kummerċjali pero' jrid jiġi rilevat li minn Dok. SC2 jirriżulta li tali vettura fil-verita' kienet reġistrata fuq l-intimat fil-passat;*

*(d)* ***L-Spettur Johann Fenech***[39]*, stazzjonat iż-żejtun jiddikjara li għamel riċerka biss fuq iż-Żejtun u sab biss rapport wieħed (Dok JF1)*[40]*. Jiddikjara pero' li mis-sistema sab diversi rapporti oħra li ma sarux iż-Żejtun pero' preżenta biss dak taż-żejtun. Tali rapport sar mill-attriċi fit-3 ta' Frar 2015 u kien jirrelata allegata offiża da parti tal-istess intimat, liema offiża seħħet waqt il-ġbir tat-tifel wara l-aċċess;*

*(e)* ***Stephen Baldacchino***[41] ***in rappreżentanza ta' BNF*** *li ddikjara li mir-riċerka li għamel fuq l-intimat ma sab xejn.*

---

[34] Esebiti a fol 221 tal-proċess
[35] Esebit a fol 240 tal-proċess
[36] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 210 tal-proċess
[37] Esebit a fol 243 tal-proċess
[38] Esebit a fol 248 tal-proċess
[39] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 210 tal-proċess
[40] Esebit a fol 254 tal-proċess
[41] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 210 tal-proċess

*(f)* ***Johanna Bartolo*[42] *in rappreżentanza ta' BOV*** *li tiddikjara li mis-sena 2012 'il quddiem sabet 5 kontijiet (Dok JB1 sa' JB5)*[43]*. Tgħid li hemm house-loan li titħallas minn Dok JB1 ta' €233.11 fix-xahar u 2 kontijiet magħluqin.*

*(g)* ***Alison Mifsud Brimmer*[44] *in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta Plc*** *li tgħid li mir-riċerka li għamlet fuq l-intimat mis-sena 2012 rriżulta current account attiv (Dok AMB1)*[45] *li skont statement t' Awwissu 2017 il-bilanċ hu ta' €12.01;*

*(h)* ***Joseph Saliba*[46] *in rappreżentnza ta' JobsPlus*** *jippreżenta l-employment history tal-intimat bħala Dok JS1*[47] *li minnu jirriżulta li l-istess intimat jaħdem bħala self-employed grocer. Jippreżenta wkoll Dok JS2*[48] *hi l-lista tal-impjegati li kellu miegħu personalment (fil-passat), Dok JS3*[49] *l-lista t'impjegati fil-passat taħt K's, Dok JS4*[50] *jirrappreżenta l-lista t'impjegati attwali taħt Paradise u Dok JS5*[51] *hija l-lista t'impjegati tas-sena 2004. Jesebixxi wkoll Dok JS6*[52] *li hi l-employment history tal-attriċi u lista ta' impjegati li kellha Dok JS7*[53]*. Jiddikjara wkoll li preżentement l-attriċi A C hi self-employed. Ix-xhud imbagħad jerġa' jixhed nhar l-20 ta' Jannar 2020*[54] *b'dan li jippreżenta l-employment history tal-intimat bħala Dok.*

---

[42] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 210 u 211 tal-proċess
[43] Esebiti a fol 257 sa' 266 tal-proċess
[44] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 211 tal-proċess
[45] Esebit a fol 267 tal-proċess
[46] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-14 ta' Novembru 2017 a fol 211 tal-proċess
[47] Esebit a fol 300 tal-proċess
[48] Esebit a fol 302 tal-proċess
[49] Esebit a fol 303 tal-proċess
[50] Esebit a fol 304 tal-proċess
[51] Esebit a fol 305 tal-proċess
[52] Esebit a fol 306 tal-proċess
[53] Esebit a fol 307 tal-proċess
[54] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-20 ta' Jannar 2020 a fol 2524a tal-proċess

*JSA1[55] minn fejn jirriżulta li b'effett mis-7 ta' Lulju 2018 waqaf mix-xogħol abbażi ta' redundancy u jżid jgħid ukoll li l-aħħar ħaġa li għamel kien li qed jirreġistra fuq bażi P1, bagħtuh għal training course, m'attendiex u għalhekk ġie maqtugħ mir-reġistru b'effett mit-12 ta' Novembru 2018;*

*(i)* ***Spettur Josric Mifsud***[56] *jgħid li ġie mitlub jesebixxi dokumenti u jagħti informazzjoni dwar xi arma li jista' għandu l-intimat u jgħid li ma nstab li għandu l-ebda arma reġistrata f'ismu kif jirriżulta minn Dok JM1[57]. Jgħid ukoll li l-intimat ma jistax iżomm arma reġistrata f'isem ħaddieħor u li m'għandu ebda liċenzja għal xi arma. Ġie mitlub jesebixxi wkoll rapporti bejn il-partijiet b'mod reċiproku u jesebixxi madwar 40 rapport li ġew immarkati komulattivament bħala Dok JM2[58] u jżid jgħid li ma jkunx hemm imniżżel l-eżitu ta' tali rapporti;*

*(j)* ***First SM 222 John Mary C***[59] *li jippreżenta l-fedina penali tal-intimat bħala Dok. SM1[60], liema fedina penali ċertament m'hijiex netta u nadifa u tinkludi fost sejbien ta' ħtija oħra sentenza fejn l-intimat instab ħati ai termini tal-artikolu 49(a)(b) u (ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie mmultat Multa ta' €250 taħt garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sena biex ma jimmolestax lill-attriċi taħt penali ta' €2000;*

*(k)* ***Pen-drive*** *preżentata mill-attriċi waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2019[61] li fiha jidher l-intimat jieħu lit-tifel minn festin tat-tfal peress li*

---

[55] Esebit a fol 526 tal-proċess
[56] Seduta quddiem il-Perit Legali datata t-28 ta' Frar 2018 a fol 310 tal-proċess
[57] Esebit a fol 311 tal-proċess
[58] Esebiti a fol 312 sa' 442 tal-proċess
[59] Seduta quddiem il-Perit Legali datata s-16 ta' Mejju 2018 a fol 447 tal-proċess
[60] Esebit a fol 449 tal-proċess
[61] Esebita a fol 502 tal-proċess

*pretenda li għandu jibda l-aċċess f'nofs il-festin u jidher ukoll kif irreaġixxa l-minuri b'dan li jinstema' l-kliem tal-intimat fil-preżenza tal-minuri u l-attriċi stess;*

*(l)* ***Savior Theuma***[62] ***in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali*** *jiddikjara li l-intimat qatt ma ħa benefiċċji soċjali kif jirriżulta minn Dok. ST1*[63]*;*

*(m)* **Dok. AJC1** *li hu estratt mill-Malta Business Registry minn fejn jirriżulta li l-intimat hu l-unika azzjonist u l-unika direttur tas-soċjeta' kummerċjali Almat Excavation Works Limited (C91372)*[64]

*(n)* **Dok. AJC2** *li hu estratt mill-profil ta' Facebook ta' Almat Excavation Works Limited fejn fost affarijiet oħra jidher l-intimat fuq il-lant tax-xogħol u wħud mill-inġenji*[65]*.*

*Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-mertu tal-kawża odjerna u abbażi tal-provi kollha mressqa u l-ġurisprudenza applikabbli umilment tissottometti s-segwenti:*

*2.* ***Residenza***

*Illi jibda biex jingħad li llum -il ġurnata l-minuri mertu ta' dawn il-proċeduri għandu 9 snin u ilu jgħix mal-attriċi ommu sa' mill-bidu tal-proċeduri żgur u għalhekk għall-maġġor parti ta' ħajtu. Mill-atti ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni dwar fejn għandu jgħix il-minuri tant li l-intimat la jressaq*

---

[62] Seduta quddiem il-Perit Legali datata l-4 ta' Frar 2021 a fol 539 tal-proċess
[63] Esebit a fol 541 tal-proċess
[64] Esebit a fol 555 tal-proċess
[65] Esebit a fol 557 tal-proċess

*kontro-talba dwar dan, la jressaq kontestazzjoni dwar il-ħlas ta' manteniment (fil-prinċipju) abbażi tal-fatt li l-istess minuri jgħix m'ommu, la jallega li l-omm m'hijiex idoneja sabiex trabbi lill-istess minuri u lanqas jintavola xi forma ta' rikors sabiex ibiddel l-istess residenza tal-minuri. Dan kollu juri li bejn il-partijiet hemm qbil jew għall-anqas modus vivendi li t-tifel għandu jgħix mal-omm u għalhekk, fin-nuqqas ta' xi allegazzjoni serja jew prova kuntrarja li turi li dan mhux fl-aħjar interessi tal-minuri, l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma u tiddeċiedi li r-residenza tal-minuri Mattias E għandha tkun mal-omm. Dan hu kkorraborat ukoll permezz tad-Digriet anness mar-rikors promotur u datat it-28 ta' Novembru 2014[66] fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat lil-intimat sabiex b'effett immedjat jirritorna lura lill-minuri Matthia għand ommu, liema ordni għandha tiġi eżegwita b'urġenza mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija u s-social worker mill-Aġenzija Appoġġ.*

*Stante li l-minuri ilu jgħix m'ommu għal dawn is-snin kollha, jirriżulta li hu settled u m'hemm ebda raġuni għala s-sitwazzjoni preżenti għandha tinbidel, allura l-esponenti umilment tissottometti li status quo għandu jiġi kkonfermat u li l-minuri għandu jiġi dikjarat li jgħix u jirrisjedi mal-komparenti omm.*

3. ***Kura u Kustodja***

*Illi kif ingħad aktar 'il fuq, il-minuri llum għandu 9 snin. Jifhem sew dwar dak kollu li għaddej minnu u naturalment kwistjonijiet ta' kura u kustodja, aċċess u kull deċiżjoni oħra marbuta miegħu trid neċessarjament meħuda fl-aħjar interessi tiegħu.*

[66] Ara a fol 8 u 9 tal-proċess

*F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[67] *fejn ġie dikjarat li "****Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal****" kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[68] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[69] *fejn ġie ritenut li "****r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal****".*

*Tenut kont ta' dak suespost, jirriżulta allura li l-esponenti trid neċessarjament tasal għall-konklużjoni tagħha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tagħha. Mill-atti ċertament jirriżulta li l-akbar kwistjonijiet bejn il-partijiet kienu relatati mal-aċċess (tant li dwaru kien hemm diversi rikorsi kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem), il-fatt li l-kura u l-kustodja kienet konġunta flimkien sakemm il-partijiet tlewmu, l-kuntratt awtorizzat ma ġiex publikat u ħareġ id-Digriet tat-28 ta' Novembru 2014 li permezz tiegħu l-attriċi ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri. Mill-atti jirriżulta li l-intimat baqa' konsistenti fil-ħajja tal-minuri, baqa' jeżerċita' d-dritt tiegħu t'aċċess, baqa' jħallas il-manteniment (għalkemm dwar dan kien hemm problemi kif kien hemm problemi wkoll dwar l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari) u bil-mod tiegħu wera li ried li jibqa' f'ħajtu. Minkejja l-problemi ta' bejn il-partijiet jirriżulta wkoll li l-istess intimat ried jibqa' nvolut fil-ħajja tal-minuri u ried li jkompli jibni r-relazzjoni tiegħu miegħu. M'hemmx qbil fuq l-istil ta' trobbija bejn il-partijiet pero' l-intenzjonijiet tajba li għall-anqas dan it-tifel ikollu ż-żewġ ġenituri f'ħajtu hi preżenti.*

---

[67] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947

[68] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

[69] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

*L-attriċi, qed titlob li tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri. Min-naħa tiegħu l-intimat jisħaq li din għandha tkun konġunta għaliex hekk kien ġie miftiehem bejn il-partijiet fl-abbozz li kien ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti u li baqa' qatt ma ġie publikat. L-esponenti tirrileva wkoll li l-intimat ma ntavolax kontro-talba da parti tiegħu sabiex jingħata l-kura u l-kustodja tal-istess minuri (anzi kif ingħad jisħaq li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta bejn il-partijiet) iżda jrid jingħad li fiż-żmien li l-intimat intavola r-risposta ġuramentata tiegħu, l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet diġa' fdata f'idejn l-attriċi omm u għalhekk, strettament jekk ried xi bdil, kellu jintavola l-kontro-talba relattiva. Dan ma sarx iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni relatata mal-kura u l-kustodja għandha neċessarjament tingħata lil dik il-parti li tkun qed titlobha għaliex huwa fid-dover u fl-obbligu tal-Onorabbli Qorti li tasal għal tali deċiżjoni skond dak li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri.*

*Kif diġa' ingħad, l-attriċi ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri permezz ta' Digriet tat-28 ta' Novembru 2014[70] meta t-tifel kellu kważi sena. Sussegwentement, permezz ta' rikors datat l-1 t'Ottubru 2018 l-istess attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti (fost talbiet oħrajn) sabiex tiġi awtorizzata tiffirma waħedha kwalsiasi dokumentazzjoni relattiva għall-edukazzjoni tal-minuri Mattias, liema talba ġiet milqugħa biss u limitatament għal dak li jirrigwarda deċiżjonijiet mhux ta' natura straordinarja permezz ta' Digriet datat it-30 t'Ottubru 2018.*

*Ilum il-minuri għandu 9 snin u għalhekk l-esponenti umilment tirrileva li jekk ikun hemm bdil fil-mod ta' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-istess*

[70] Ara a fol 8 u 9 tal-proċess

*minuri (li kiber u għix parti kbira mit-trobbija tiegħu f'din il-kawża tal-ġenituri tiegħu) mhux ser jagħmel ġid lill-istess minuri. Anzi l-esponenti hi tal-opinjoni li ġialadarba hemm modus vivendi bejn il-partijiet u jidher li anke min-naħa tiegħu l-intimat mhux qed jikkontesta l-mod ta' kif l-attriċi s'issa ħadet xi deċiżjonijiet (ħlief għal dawk li huma relatati mal-finanzi li ser jiġu diskussi aktar 'il quddiem). Għalhekk, tenut kont ta' dan, tenut kont tal-fatt li hemm problemi kbar ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet (li l-attriċi tgħid li hi biss permezz tat-text messages u tenut kont tal-fatt li l-intimat mhux bniedem faċli li tikkomunika miegħu b'mod ċivili fiċ-ċirkustanzi l-esponenti tħoss li d-Digriet tat-28 ta' Novembru 2014 għandu jiġi konfermat b'dan li l-attriċi tkun vestita bil-kura u l-kustodja tal-minuri b'dan pero' li kwantu għal deċiżjonijiet **<u>Straodinarji</u>** relatati mal-edukazzjoni (bħal per eżempju bdil ta' skola) u s-saħħa tal-minuri, tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ ġenituri flimkien, salv għal xi każ t'emerġenza li f'dak il-każ, kull wieħed u waħda minnhom għandu jkollu d-dritt u l-awtorizazzjoni sabiex jieħu kwalunkwe deċiżjoni fl-aħjar interessi tal-minuri.*

4. ***<u>Passaport</u>***

*Illi jibda biex jingħad li l-attriċi ma tressaq ebda talba speċifika fuq il-ħruġ ta' passaport u eventwali safar tal-minuri. Da parti tiegħu l-intimat, kif diġa' ingħad aktar 'il fuq, ma ressaq ebda kontro-talba u għalhekk teknikament m'għandu ebda talbiet li din l-Onorabbli Qorti tista' tilqa' fil-konfront tiegħu. Pero', minkejja dan, kawża fuq minuri u li fil-mori tagħha tressqu wkoll diversi rikorsi fuq safar u passaporti ma tistax tkun kompluta u deċiża b'mod intier jekk ma jkunx hemm provvediment fuq deċiżjonijiet tant importanti bħall-ħruġ ta' passaport tal-istess minuri u dan stante li deċiżjoni dwar kura u kustodja ma jfissirx li tagħti l-fakulta' lil dak il-ġenitur*

*li jkollu tali kura u kustodja f'idejh biex japplika u joħroġ passaport għall-minuri waħdu mingħajr l-ebda intervent tal-ġenitur l-ieħor. L-esponenti ser tidħol fil-kwistjoni ta' passaporti u safar għaliex f'kuntest wiesgħa, tali deċiżjonijiet jaqgħu taħt il-kappa ta' kura u kustodja għalkemm kif ingħad, hemm bżonn ta' dikjarazzjonijiet skjetti dwarhom u mhux biżżejjed li jkun hemm biss dikjarazzjoni jew ordni ta' kura u kustodja.*

*Illi dan kollu hu kkorraborat ukoll minn dak li fattwalment ġara fil-mori tal-kawża stante li permezz ta' rikors datat l-4 ta' Diċembru 2015 l-attriċi, talbet li tkun awtorizzata li tapplika għall-ħruġ ta' passaport favur il-minuri Mattias E mingħajr il-ħtieġa li tottjeni l-kunsens tal-missier, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' Digriet tal-24 ta' Diċembru 2015.*

*In linja ta' dak deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet* ***Ann Abela vs Jonathan Gauci*** *(Rikors Ġuramentat Numru 301/2012 AGV) deċiża nhar il-25 ta' Marzu 2021 u ċioe':*

*"..**l-fatt li l-kura u kustodja ngħatat lill-attriċi ma jfissirx li għandu jkollha l-fakolta` li tapplika għall-ħruġ ta' passaport għall-minuri mingħajr il-ħtieġa li l-konvenut jiffirma. Il-passaport hu dokument ta' vjaġġar, u għalhekk ikun utli li fejn possibbli ż-żewġ ġenituri jiffirmaw għall-ħruġ tal-istess. Dan irrispettivament min mill-ġenituri jkollu l-kura u kustodja tat-tfal**"*
*abbinat mal-fatt li mill-atti jirriżulta li l-minuri siefer mal-partijiet u ma kienx hemm problemi ta' nuqqas ta' firem / jew kunsens (apparti okkażjoni fejn l-attriċi jirriżulta li siefret mal-minuri mingħajr il-kunsens ta' din l-Onorabbli Qorti), l-esponenti tħoss li jkun opportun li tapplika l-istess raġunament u għalhekk tħoss li din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li kwalunkwe*

*passaport għall-minuri għandu jinħareġ bil-firma u l-kunsens taż-żewġ ġenituri.*

5. ***Safar***

*Ikun każ sfortunat ferm ukoll jekk f'kawża fuq minuri li ilha għaddejja tant snin ma tipprovdix provvediment fuq is-safar tal-istess minuri, meta fil-mori saru wkoll diversi rikorsi fuq is-safar ukoll. Fil-fatt permezz ta' rikors datat it-8 ta' Jannar 2018 l-intimat talab l-awtorizazzjoni sabiex jieħu lill-minuri Sqallija fi Frar 2018 kif ukoll li jkun awtorizzat li japplika u joħroġ passaport għall-minuri limitat għal tali perjodu bid-dispensa tal-kunsens tal-attriċi, liema talbiet ġew milqugħa permezz ta' Digriet tas-16 ta' Jannar 2018 b'ordni fuq l-intimat sabiex jgħaddi n-numru telefoniku fejn l-omm tkun tista' tkellem lill-minuri darbtejn kulljum waqt din is-safra.*

*Illi l-esponenti ma tħossx li għandu jkun hemm diffikulta' sabiex il-minuri jkollu passaport miftuħ u mhux limitat għal kull safra li tkun se sseħħ. B'hekk jiġu evitatati aktar spejjeż iżda l-partijiet għandhom xorta jsiefru mal-minuri bil-kunsens tat-tnejn.*

*Illi fil-mori tal-kawża jirriżulta wkoll li ż-żewġ partijiet kellhom l-opportunita' li jsiefru mal-minuri u ħadd minnhom ma ċaħħad lill-ġenitur l-ieħor minn xi safra intenzjonata. Kien hemm episodju fejn l-attriċi siefret mal-minuri mingħajr l-awtorizazzjoni neċessarja u dan ma jistax ikun aċċettat li jerġa' jsir għaliex il-minuri jibqa' iben iż-żewġ ġenituri u t-tnejn li huma għandhom ikollhom l-opportunita' li jagħtu l-kunsens/ joġġezzjonaw għal tali safar (dejjem għal raġunijiet validi) u f'każ ta' nuqqas ta' qbil tkun din l-istess Onorabbli Qorti li tiddeċiedi jekk tali safar għandux jiġi awtorizzat jew le. Għalhekk l-esponenti, filwaqt li tiddeplora l-aġir tal-attriċi meta qabdet u*

*siefret bil-minuri mingħajr l-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti*[71]*, ma tarax għala okkażjoni u żball jew aġir ħażin ta' darba għandu jwassal għal bdil drastiku dwar is-safar u għalhekk tissottometti li kwalunkwe safar li għandu jagħmel il-minuri għandu jseħħ bil-kunsens / l-approvazzjoni taż-żewġ ġenituri* ***qabel*** *tali safra b'dan li l-istess partijiet jinfurmaw lil xulxin b'tali intenzjoni ta' safar għall-anqas 3 ġimgħat qabel.*

*Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li kwalunkwe safar li jistgħu jagħmlu il-partijiet mal-minuri (ad esklużjoni tal-ġenitur l-ieħor) għandu jkun bil-kunsens u l-awtorizazzjoni tal-ġenitur l-ieħor bil-miktub (email jew text message ikun biżżejjed għal dan il-għan) u l-ġenitur li jkun ser jibqa' hawn Malta għandu jingħata l-informazzjoni kollha dwar tali safra (inklużi flights, akkomodazzjoni, ma' min ser ikun il-minuri, destinazzjoni / destinazzjonijiet) 3 ġimgħat qabel tali safra u għandu jkun hemm aċċess telefoniku għall-anqas ta' darbtejn kull jum f'ħin miftiehem bejn il-partijiet. Kull ġenitur għandu jħallas l-ispejjeż ta' kull safra li jkun ser jagħmel / tagħmel mal-minuri mingħajr id-dritt għal xi forma ta' rimbors da parti l-oħra iżda jekk il-minuri jkun mistieden li jsiefer mal-iskola jew ma' xi entita' li jattendi – allura f'dak il-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet. F'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed) imma xi ġenitur minnhom ma jkunx jista' jħallas għal sehemu / sehmha minn tali safra, l-ġenitur l-ieħor ikollu / jkollha d-dritt imma mhux l-obbligazzjoni li jħallas għal tali safra.*

6. ***Aċċess***

[71] Ara d-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-23 ta' Diċembru 2022 a fol 593 tal-proċess

*Illi l-aċċess kien wieħed jekk mhux il-bone of contention prinċipali ta' bejn il-partijiet tant li fil-mori tal-istess kawża, tressqu diversi rikorsi da parti taż-żewġ partijiet li permezz tagħhom l-aċċess versu l-missier baqa' jiġi varjat u modifikat skond l-esiġenzi u ċ-ċirkustanzi li nqalgħu matul iż-żmien, anke in vista tal-fatt li l-minuri beda jikber u ċ-ċirkustanzi tiegħu ma baqgħux dawk ta' meta ġiet intavolata l-kawża odjerna. Sabiex wieħed jifhem ukoll l-evolviment ta' dan l-aspett tal-kawża, l-esponenti ser telenka r-rikorsi li ġew intavolati fil-mori u li permezz tagħhom l-aċċess ġie varjat:*

*Illi jingħad li permezz tad-Digriet anness mar-rikors promotur u datat it-28 ta' Novembru 2014*[72] *din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-intimat ikollu aċċess għal ibnu Mattias fil-jiem u ħinijiet indikati fl-abbozz tal-kuntratt ippreżentat f'dawn l-atti*[73]*;*

*Illi sussegwentement, permezz ta' rikors datat l-4 ta' Settembru 2015 ir-rikorrenti talbet li d-Digriet hawn fuq imsemmi jiġi varjat billi tordna li l-ħinijiet tal-aċċess, sakemm il-minuri jibda jmur l-iskola jkun bejn 12.00pm u l-5.30pm u mhux kif stipulat fl-abbozz imsemmi, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet tal-1 t'Ottubru 2015;*

*Illi permezz ta' Digriet ieħor datat l-20 t'Ottubru 2015 l-intimat talab varjazzjoni tal-aċċess billi fis-sens li sakemm il-minuri jagħlaq sentejn, l-aċċess ikun l-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar bejn id-9.00am u l-5.00pm. Permezz ta' Digriet datat is-7 ta' Novembru 2015 din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-missier ikollu aċċess għall-minuri fl-ewwel u fit-tielet Ħadd ta' kull xahar bejn id-9.00am u s-6.00pm u ordnat ukoll li l-istess missier*

[72] Ara a fol 8 u 9 tal-proċess
[73] Ara a fol 10 tal-proċess

*jiġbor lill-minuri minn ħdejn il-Knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn għall-aċċess u jerġa' jirritornah hemm fit-tmiem tal-aċċess;*

*Illi permezz ta' rikors datat l-4 ta' Diċembru 2015 l-attriċi, apparti li għamlet talbiet speċifiċi kwantu għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena (għal dik is-sena partikolari) talbet ukoll li l-missier jiġi ordnat jiġbor lill-minuri mill-post li jkun fih il-minuri f'dak il-mument filwaqt li fi tmiem l-aċċess, jirritorna lill-minuri ħdejn il-Knisja Parrokkjali ta' Wied il-Għajn, liema talbiet ġew miċħuda permezz ta' Digriet datat l-24 ta' Diċembru 2015;*

*Illi permezz ta' rikors ieħor datat l-14 ta' Novembru 2016 l-intimat talab li l-aċċess għall-minuri jkun rivedut sabiex jirrifletti l-eta' tiegħu u jkun bil-mod segwenti:*

*(a) it-Tlieta u l-Ġimgħa mis-2.00pm sas-7.00pm liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016;*

*(b) Sleepover ta' 24 siegħa ġimgħa mill-Ġimgħa għas-Sibt (6.00pm sas-6.00pm) u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd (6.00pm sas-6.00pm) liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016;*

*(ċ) Sleepover ta' 24 siegħa sena waħda minn lejlet il-Milied sal-Milied (6.00pm sas-6.00pm) u minn New Year's Eve sa' New Year (6.00pm sas-6.00pm) is-sena ta' wara jalterna. Permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016 din l-Onorabbli Qorti laqgħet il-proposta tal-omm biex b'hekk ordnat li l-aċċess ta' lejliet l-ewwel tas-Sena jkun mis-2.00pm sal-għada l-Ewwel tas-Sena fis-2.00pm u fil-Milied mis-2.00pm sal-għada fid-9.00am b'mod alternat kull sena;*

*(d) Sleepover fil-btajjel u l-festi pubbliċi bejn is-6.00pm ta' lejlet il-festa pubblika sal-għada 6.00pm darba kull wieħed b'dan illi l-ewwel festa pubblika wara dan id-Digriet tkun tiegħu liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016;*

*(e) F'Jum għelqu snin il-minuri, sakemm ma tkunx ġurnata t'aċċess għall-missier, l-intimat iqatta' 5 siegħat miegħu u ċioe' mis-2.00pm sas-7.00pm. Permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016 din l-Onorabbli Qorti laqgħet il-proposta tal-omm biex b'hekk ordnat li l-aċċess f'din il-ġurnata partikolari jkun b'mod alternat mis-2.00pm sas-6.00pm u s-sena ta' wara mill-5.00pm sad-9.00pm;*

*(f) F'Jum għeluq snin l-missier u ċioe' fit-8 ta' Jannar, sakemm ma tkunx ġurnata t'aċċess għall-esponenti, l-minuri jqatta' 5 siegħat ma' missieru u ċioe' mis-2.00pm sas-7.00pm. Permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016 din l-Onorabbli Qorti laqgħet din it-talba b'dan li applikat ukoll il-proposta tal-omm biex b'hekk ordnat ukoll li f'għeluq snin l-omm il-missier ma jkollux aċċess u jekk jintilef xi aċċess, jingħata aċċess kumpensatorju f'ġurnata oħra;*

*(g) Fl-eventwalita' li l-ħin tal-aċċess favur il-missier il-minuri jkollu xi attivita', l-istess missier jobbliga ruħu li jieħu ħsieb li jwasslu u jiġbru liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat id-29 ta' Novembru 2016;*

*Illi permezz ta' rikors datat l-1 t'Ottubru 2018 l-attriċi talbet (fost talbiet oħrajn) lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li wara l-aċċess li l-intimat jeżerċita versu l-minuri Mattias, l-istess minuri għandu jiġi ritornat mill-missier ħdejn l-HSBC ta' Marsaskala jew b'mod alternattiv tordna li l-*

*esponenti għandha tiġbor lill-minuri mir-residenza jew mill-ħanut tal-Missier intimat fiż-Żejtun, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat it-30 t'Ottubru 2018.*

*Illi permezz ta' rikors datat il-31 t'Awwissu 2018 l-intimat talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-aċċess preżenti tiegħu jiġi estiż b'dan li jkollu sleepover kull tielet weekend ta' Lulju mill-Ġimgħa fis-6.00pm sat-Tnejn sas-6.00pm, jkollu aċċess ta' 48 siegħa mis-16 t'Awwissu ta' kull sena mis-6.00pm sat-18 t'Awwissu ta' kull sena sas-6.00pm u aċċess ta' 48 siegħa mill-5 ta' Settembru ta' kull sena mis-6.00pm sas-7 ta' Settembru ta' kull sena sas-6.00pm. Dawn it-talbiet ġew milqugħa permezz ta' Digriet datat it-18 ta' Diċembru 2018 salv il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fir-risposta tal-attriċi datata s-17 ta' Diċembru 2018*[74] *u ċioe' li:*

*(a) għandu jiġi assigurat li l-minuri jkun mal-missier u li l-missier ma jkunx fi stat ta' sakra jew fi stat li ma jkunx kapaċi jieħu ħsieb lit-tifel;*
*(b) li fl-aħħar ta' Lulju l-missier ma jkollux aċċess nhar ta' Ġimgħa u fit-tmien il-ġimgħa iżda minflok jeżerċita aċċess il-Ħamis ta' qabel bejn l-4.00pm u s-7.00pm biex it-tifel ikun jista' jgawdi l-festa ta' Sant'Anna ta' Wied il-Għajn flimkien m'ommu u oħtu;*

*(ċ) li l-aċċess imsemmi fis-16 t'Awwissu sat-18 t'Awwissu jkun eżerċitat kull sena alternattiva b'aċċess kumpensatorju jekk fis-sena li jkun imiss li l-minuri jkun mal-omm ikun ser jintilef xi aċċess favur il-missier;*

*(d) il-missier ma jeżerċitax aċċess bejn l-20 u t-22 ta' Settembru ta' kull sena;*

---

[74] Ara a fol 496 u 497 tal-proċess

*(e) Kull parti għandha tgawdi lill-minuri f'kull festa alternata, b'dan li l-missier m'għandux jeżerċita aċċess fil-festi li jkunu jmissu lill-Omm.*

*L-esponenti tara li fil-mori l-partijiet prattikament irregolaw l-aċċess b'tali mod u manjiera li issa għandhom idea ċara u tajba dwar ma' min għandu jkun il-minuri kemm fil-ġranet normali li l-minuri jkollu l-iskola kif ukoll fil-festi pubbliċi, l-vakanzi, l-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena u l-Festi tar-Raħal li tant jidhru li huma importanti għaż-żewġ partijiet. Tenut kont ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li hu ġust li tali Digrieti jibqgħu fis-seħħ għaliex permezz tagħhom intlaħaq bilanċ u l-minuri qed igawdi liż-żewġ ġenituri kif wara kollox għandu jkun. L-esponenti, għal finijiet ta' kompletezza ser iżżid mal-lista ta' ġranet speċifiċi l-Mother's Day u l-Father's Day dejjem sabiex jiġu evitati aktar problemi bejn il-partijiet u kull wieħed u waħda minnhom ikollu ċ-ċertezza dwar kif u meta jista' jkun mal-minuri u x'inhuma d-drittijiet tiegħu / tagħha dwar l-istess aċċess.*

*7.* ***Manteniment***

*Illi l-manteniment kien wieħed mill-fatturi li wassal għal diżgwit bejn il-partijiet u li finalment wassalhom biex qatt ma ffirmaw il-kuntratt li kien abbozzat u approvat minn din l-Onorabbli Qorti. Jirriżulta pero' li fil-mori tal-kawża, ħadd mill-partijiet ma ntavola rikors biex jiġi varjat tali manteniment u għalhekk l-intimat, tajjeb jew le, baqa' jħallas is-somma ta' €180 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri b'dan li jħallas sehemu mill-uniformijiet u l-kotba iżda jirrifjuta li jħallas sehmu mill-ispejjeż kollha l-oħra relatati mal-istess minuri.*

*Illi permezz tad-Digriet anness mar-rikors promotur u datat it-28 ta' Novembru 2014*[75] *din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat iħallas l-ammont indikat bħala manteniment fl-abbozz tal-kuntratt ippreżentat f'dawn l-atti*[76] *u ċioe' l-ammont ta' €180 fix-xahar, liema manteniment kellu jiżdied skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Pero' mill-atti jirriżulta li l-intimat qatt ma ħallas tali awment għaliex l-attriċi tinsisti li baqa' jħallas is-somma ta' €180 fix-xahar biss u da parti tiegħu l-intimat ma ressaq l-ebda prova li permezz tagħha seta' juri l-kuntrarju.*

*Permezz ta' Dok. AJC1*[77] *l-attriċi tippreżenta prospett tal-ispejjeż li tinkorri għall-minuri li jammontaw għal €707.84 fix-xahar u permezz tan-nota li permezz tagħha tippreżenta l-istess prospett tiddikjara li dak iż-żmien ma kienitx taħdem peress li l-minuri kellu biss 10 xhur b'dan li ddikjarat li kellha l-intenzjoni li terġa' tibda taħdem meta l-minuri jagħlaq sena. Naturalment tali dikjarazzjoni saret fil-bidu tal-proċeduri u s-sitwazzjoni fiż-żmien li qed jiġi redatt ir-rapport odjern hija ferm differenti għaliex il-minuri m'għadux tarbija t'10 xhur iżda tifel ta' 9 snin.*

*L-attriċi mbagħad terġa' tixhed waqt is-seduta quddiem l-esponenti bħala Perit Legali nhar is-7 t'Ottubru 2021*[78] *b'dan li tippreżenta dokument li ġie mmarkat bħala Dok. ACA1*[79] *fih l-ikel li tikkonsma l-familja tagħha t'4 u l-ispejjeż li huma relatati mal-minuri biss. Fl-istess dokument hemm ukoll imniżżla l-ispejjeż tas-saħħa, spejjeż ta' dentist, mediċini, l-ispejjeż tal-iskola fejn anka jidħlu l-birthday presents, presents tat-teachers, l-uniformijiet, id-donations eċċ.. iżda tgħid li ma jinkludix l-ispejjeż relatati*

[75] Ara a fol 8 u 9 tal-proċess
[76] Ara a fol 10 tal-proċess
[77] Esebit a fol 97 u 98 tal-proċess
[78] Seduta quddiem il-Perit Legali datata s-7 t'Ottubru 2021 a fol 546 tal-proċess
[79] Esebit a fol 551 tal-proċess

*mal-attivitajiet extra-kurrikulari li jattendi l-minuri li dak iż-żmien tal-istess xhieda kienu l-scouts peress li kienet għadha ma ħallsitx u ma kienitx għadha taf bħala expense kemm ħa tiġi. Hemm imniżżel ukoll il-football li kien qiegħed naqra wieqaf ħabba l-covid pero' hemm l-intenzjoni li jerġa' jibda. Fil-lista hemm ukoll inkluż is-Summer School, is-Summer Camp tal-football, expenses fejn jidħlu eżempju hair cuts. Fejn jidħlu affarijiet ta' skola hemm craft items li dawn jiġu both fis-Summer School kif ukoll fl-iskola normali. B'hekk tiddikjara li l-ispejjeż globali għall-minuri jammontaw għal €11,026.50 fis-sena. Dan kollu hu elenkat fl-istess dokument imsemmi aktar 'il fuq (Dok ACA 1) li ġie preparat mill-istess attriċi u tieħu ġurament fuqu.*

*Abbażi ta' tali prospett għalhekk l-attriċi tikkontendi li sehem l-intimat mill-ispejjeż li hija tinkorri għall-minuri jammontaw għal €5513.25 fis-sena (nofs €11,026.50) li jekk jiġi diviż għal 12 -il xahar jammonta għal €459.43. Tenut kont tal-fatt li tali prospett sar fis-sena 2021 u hu fatt magħruf li l-ispejjeż wara l-Covid-19 splodew, tenut kont tal-fatt li l-intimat qatt ma ħallas għall-ispejjeż ta' saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari, tenut kont tal-fatt li l-intimat għandu l-assi, għandu kumpanija tiegħu, għandu diversi vetturi u rrifjuta li jesebixxi d-dokumentazzjoni dwar l-assi u l-introjtu tiegħu li jġiegħlu jaħseb lill-istess esponenti Perit Legali li l-istess intimat għandu x'jaħbi u tenut kont tal-fatt li l-komunikazzjoni ta' bejn il-partijiet hi limitata, l-esponenti umilment tissottometti li l-intimat għandu jħallas manteniment ta' €500 fix-xahar liema manteniment għandu jinkludi kull spiża relattiva għall-istess minuri inklużi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u anke spejjeż ta' ħruġ ta' passport biex b'hekk l-attriċi ma jkollha ebda dritt li titlob xi flus addizzjonali da parti tal-intimat u l-intimat da parti tiegħu ma jkollu ebda kontestazzjoni dwar xi ammont mitlub, riċevuti preżentati eċċ ħlief jekk il-minuri jkun mistieden li jsiefer mal-iskola*

*jew ma' xi entita' li jattendi – għax f'dak il-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet. F'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed) imma xi ġenitur minnhom ma jkunx jista' jħallas għal sehemu / sehmha minn tali safra, l-ġenitur l-ieħor ikollu / jkollha d-dritt imma mhux l-obbligazzjoni li jħallas għal tali safra. Stante li mill-atti jirriżulta li l-intimat jaħdem għal rasu, tordna li tali manteniment għandu jittieħed direttament mill-kont bankarju tal-istess intimat b'ordni tal-Qorti permezz ta' standing order kull l-aħħar tax-xahar u tali manteniment għandu jgħola skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kull sena.*

*Għaldaqstant, in vista ta' dak suespost l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha:*

*1. Tilqa' l-ewwel talba dwar il-kura u l-kustodja fis-sens li tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri Mattias E hija fdata f'idejn l-attriċi b'dan li l-istess minuri jgħix mal-omm pero' li kwantu għal deċiżjonijiet* ***straodinarji*** *relatati mal-edukazzjoni (bħal per eżempju bdil ta' skola) u s-saħħa tal-minuri, tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ ġenituri flimkien, salv għal xi każ t'emerġenza li f'dak il-każ, kull wieħed u waħda minnhom għandu jkollu d-dritt u l-awtorizazzjoni sabiex jieħu kwalunkwe deċiżjoni fl-aħjar interessi tal-minuri;*

*2. Tordna li l-ħruġ u l-applikazzjoni tal-Passaport tal-Minuri għandu jsir bil-firma / kunsens taż-żewġ ġenituri;*

*3. Tordna li kwalunkwe safar li jistgħu jagħmlu il-partijiet mal-minuri (ad esklużjoni tal-ġenitur l-ieħor) għandu jkun bil-kunsens u l-awtorizazzjoni tal-ġenitur l-ieħor bil-miktub (email jew text message ikun biżżejjed għal*

*dan il-għan) u l-ġenitur li jkun ser jibqa' hawn Malta għandu jingħata l-informazzjoni kollha dwar tali safra (inklużi flights, akkomodazzjoni, ma' min ser ikun il-minuri, destinazzjoni / destinazzjonijiet) 3 ġimgħat qabel tali safra u għandu jkun hemm aċċess telefoniku għall-anqas ta' darbtejn kull jum f'ħin miftiehem bejn il-partijiet.*

*3. Tilqa' l-ewwel talba dwar l-aċċess għall-missier billi tiddikjara li l-aċċess favur l-istess missier għandu jkun bil-mod segwenti:*

*(a) it-Tlieta u l-Ġimgħa mis-2.00pm sas-7.00pm;*

*(b) Sleepover ta' 24 siegħa ġimgħa mill-Ġimgħa għas-Sibt (6.00pm sas-6.00pm) u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd (6.00pm sas-6.00pm);*

*(ċ) Sleepover fil-btajjel u l-festi pubbliċi bejn is-6.00pm ta' lejlet il-festa pubblika sal-għada 6.00pm darba kull wieħed;*

*(d) L-aċċess ta' lejliet l-ewwel tas-Sena jkun mis-2.00pm sal-għada l-Ewwel tas-Sena fis-2.00pm u fil-Milied mis-2.00pm sal-għada fid-9.00am b'mod alternat kull sena;*

*(e) F'Jum għelqu snin il-minuri, l-aċċess ikun b'mod alternat mis-2.00pm sas-6.00pm u s-sena ta' wara mill-5.00pm sad-9.00pm;*

*(f) F'Jum għeluq snin l-missier u ċioe' fit-8 ta' Jannar, sakemm ma tkunx ġurnata t'aċċess għall-esponenti, l-minuri jqatta' 5 siegħat ma' missieru u ċioe' mis-2.00pm sas-7.00pm;*

*(g) F'għeluq snin l-omm il-missier ma jkollux aċċess u jekk jintilef xi aċċess, jingħata aċċess kumpensatorju f'ġurnata oħra;*

*(g) Fl-eventwalita' li l-ħin tal-aċċess favur il-missier il-minuri jkollu xi attivita', l-istess missier għandu jieħu ħsieb li jwasslu u jiġbru;*

*(h) Sleepover kull tielet weekend ta' Lulju mill-Ġimgħa fis-6.00pm sat-Tnejn sas-6.00pm b'dan pero' li fl-aħħar ta' Lulju l-missier ma jkollux aċċess nhar ta' Ġimgħa u fit-tmien il-ġimgħa iżda minflok jeżerċita aċċess il-Ħamis ta' qabel bejn l-4.00pm u s-7.00pm biex it-tifel ikun jista' jgawdi l-festa ta' Sant'Anna ta' Wied il-Għajn flimkien m'ommu u oħtu;*

*(i) Aċċess ta' 48 siegħa mis-16 t'Awwissu ta' kull sena mis-6.00pm sat-18 t'Awwissu sas-6.00pm kull sena alternattiva b'aċċess kumpensatorju jekk fis-sena li jkun imiss li l-minuri jkun mal-omm ikun ser jintilef xi aċċess favur il-missier;*

*(j) Aċċess ta' 48 siegħa mill-5 ta' Settembru ta' kull sena mis-6.00pm sas-7 ta' Settembru ta' kull sena sas-6.00pm b'dan pero' li l-missier ma jeżerċitax aċċess bejn l-20 u t-22 ta' Settembru ta' kull sena;*

*(k) Kull parti għandha tgawdi lill-minuri f'kull festa alternata, b'dan li l-missier m'għandux jeżerċita aċċess fil-festi li jkunu jmissu lill-Omm;*

*(l) Il-minuri jqatta' l-Father's Day mal-komparenti missier u dan irrispettivament mill-aċċess normalment eżerċitat. F'każ li jirriżulta li l-minuri jkun raqad għand il-komparenti omm fil-ġurnata ta' qabel, il-missier għandu jmur għall-minuri fid-9.00am u jirritornah lura għand l-omm fis-7.00pm;*

*(m) Il-minuri jqatta' l-Mother's Day mal-komparenti omm b'dan li l-missier m'għandux jeżerċita aċċess f'tali ġurnata. F'każ li jirriżulta li l-minuri jkun raqad għand il-komparenti missier fil-ġurnata ta' qabel, il-minuri għandu jiġi ritornat għand l-omm fid-9.00am;*

*L-aċċess favur għall-missier għandu jseħħ billi l-istess missier jiġbor lill-minuri mill-post li jkun fih il-minuri f'dak il-mument filwaqt li fi tmiem l-aċċess, l-istess minuri għandu jiġi ritornat mill-missier ħdejn l-HSBC ta' Marsaskala sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor bil-miktub (email jew text message ikun biżżejjed għal dan il-għan).*

*4. Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tillikwida manteniment għall-istess minuri fl-ammont ta' €500 fix-xahar, liema manteniment għandu jinkludi kull spiża relattiva għall-istess minuri inklużi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u anke spejjeż ta' ħruġ ta' passport biex b'hekk l-attriċi ma jkollha ebda dritt li titlob xi flus addizzjonali da parti tal-intimat u l-intimat da parti tiegħu ma jkollu ebda kontestazzjoni dwar xi ammont mitlub, riċevuti preżentati eċċ ħlief jekk il-minuri jkun mistieden li jsiefer mal-iskola jew ma' xi entita' li jattendi – għax f'dak il-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet. F'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed) imma xi ġenitur minnhom ma jkunx jista' jħallas għal sehemu / sehmha minn tali safra, l-ġenitur l-ieħor ikollu / jkollha d-dritt imma mhux l-obbligazzjoni li jħallas għal tali safra. Stante li mill-atti jirriżulta li l-intimat jaħdem għal rasu, tordna li tali manteniment għandu jittieħed direttament mill-kont bankarju tal-istess intimat b'ordni tal-Qorti permezz ta' standing order kull l-aħħar tax-xahar u tali manteniment għandu jgħola skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kull sena.*

*Tant għandha l-unur x'tissottometti l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Mis-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni akkurata tax-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti f'din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoenju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha tenut kont ukoll tan-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet kontendenti in segwitu tar-rapport tal-perit legali.

3. **L-AZZJONI ODJERNA**

Din hija azzjoni li tirrigwarda l-minuri Mattias E. Il-parijiet kienu f'relazzjoni u minn liema relazzjoni twieled il-minuri Mattias E nhar it-18 ta' Diċembru, 2013. Din ir-relazzjoni ntemmet. Il-partijiet kienu abbozzaw kuntratt iżda dan ma ġiex ippubblikat. Il-Qorti awtorizzat lill-partijiet biex jipproċedu b'kawża u r-rikorrenti ntavolat din l-azzjoni sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri tiġi formalment regolata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Meta ġiet intavolata din il-kawża il-minuri kellu inqas minn sentejn u illum għandu disa' snin u nofs.

Permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrenti qiegħda titlob lil l-Qorti sabiex:

i. Tordna li tiġi fdata bil-kura u bil-kustodja esklussiva tal-minuri;

ii. Tiffissa ġranet, ħinijiet u modalitjiet tal-aċċess favur l-initmat;

iii. Tikkundanna lill-initmat sabiex iħallasha dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata hekk stabbilita mill-Qorti - inkluż spejjeż mediċi u ta' edukazzjoni, għall-bżonnijiet tal-minuri;

iv) Tordna li tali alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew mill-qliegħ tal-istess intimat permezz ta' standing order jew b'modijiet oħrajn u biex il-Qorti tipprovdi dwar il-mod ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u awmentat kull sena biex jirrifletti ż-żidiet kull sena sabiex jirrifletti ż-żidiet fl-għoli tal-ħajja;

Minn naħa l-oħra, l-intimat permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu, eċċepixxa illi l-partijiet kienu diġa ftehmu dwar abbozz dettaljat liema abbozz kien anki ġie debitament awtorizzat, iżda li kienet ir-rikorrenti li rrifjutat li taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-istess. Skont l-intimat ma hemm l-ebda raġuni valida għalfejn it-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jiriflettu dak li kien maqbul bejn il-partijiet fl-imsemmi abbozz, u għalhekk skont l-intimat il-minuri għandu jibqa' sakemm huwa minuri taħt il-kura u kustodja konġunta tal-partijiet, fejn ir-residenza ordinarja tkun mar-rikorrenti; fejn huwa jingħata aċċess għall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa bejn nofsinhar (12.00) u s-sebgħa (19.00) u dan sakemm jibda jmur l-iskola, iżda hekk kif il-minuri jibda jattendi l-iskola, l-aċċess favur tiegħu jkun kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn is-sagħtejn (14.00) u s-sebgħa (19.00) ta' filgħaxija oltre` dak stipulat fl-imsemmi abbozz fuq l-aċċess għall-minuri. F'dak li għandu x'jaqsam mal-manteniment l-intimat jerġa' jirreferi għall-abbozz u b'hekk isosnti li l-ammont tal-manteniment għandu jkun ta' €180 fix-xahar, bil-quddiem, u liema manteniment għandu jgħola skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, filwaqt li l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni kemm ordinarji u dawk straordinarji jitħalssu bin-nofs bejn il-

partijiet. Fil-fehma tal-intimat l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu allokati lir-rikorrenti peress li skontu ma ressqitx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt mingħajr l-ebda raġuni valida

**4. Provi tal-Partijiet:**

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni/eżami tal-partijiet, u l-provi imressqa in vista tal-fatt li dan kollu diġa` jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

5. **Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern.**

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspett il ġurisprudenza tagħna dejjem għamlet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. vs John Portelli**[80] intqal: "*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi anika …. sew fil-liġi viġenti… kif ukoll fil-ġurisprudenza estera … u f'dik lokali… hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.*"

[80] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 t' Ġunju, 2003, Ċitazz. Numru 2668/1996/2 RCP

F'din is-sentenza l-Qorti għamlet referenza għall-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**[81] fejn il-Qorti kienet qalet: " *la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere comessa ed affidata a colui, fra i coniugi, che riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta`, ed a tutte li circostanze del caso - sotto quei provvedimenti, che si reputino spediente pel vataggio di tali figli."*

Fil-kawża fl-ismijiet: **John Cutajar vs Amelia Cutajar et**[82] il-Qorti qalet:

"*apparti il-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti in 'subjecta materja', li jiddeterina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak ta' l-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut*..."

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġurisprudenza appena ċitata, u ċioe` l-prinċipju tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri , il-Qorti għandha l-faklolta` li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil genitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti temfazizza illi l-interes tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Għal dan isir referenza għas-sentenza **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**[83] il-Qorti tal-Appell qalet**:**

---

[81] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit- 8 ta' Diċembru, 1858
[82] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit- 28 ta' Jannar, 1956
[83] Deċiza mill-Qorti tal-Appell fil-25 a' Novembru, 1998

***"In this case the court must do what is the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child...***

***.... The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneslef from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child."***

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri u mhux dak li jixtiequ jew jitolbu l-ġenituri. Filwaqt li l-Qorti dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa l-interess suprem tal-minuri, hekk kif ġie delinejat fis-sentenza appena ċitata.

L-Ewwel Talba:

F'din it-talba ir-rikorrenti qed titlob lil Qorti sabiex: ir-rikorrenti tiġi ordnata tieħu esklussivament f'idejha il-kura u l-kustodja tal-minuri u sabiex il-Qorti tirregola u tordna l-modalita` tal-aċċess li għandu jkollu l-intimat. Min naħa tiegħu l-intimat joġġezzjona u jsostni li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta. Matul il-kawża l-intimat baqa' isemmi l-ftehim (eżebit in atti) li l-partijiet kienu abbozzaw, u li skontu r-rikorrenti rrifjutat li

tippubblika mingħajr raġuni, f'liema abbozz il-kura u kustodja tal-minuri kienet waħda konġunta.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-perit legali fuq l-ewwel talba tar-rikorrenti dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Mattias E:

Il-Perit legali tgħid li meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti kienet diġa` ġiet fdata bil-kura u kustodja esklussiva u dan *ai termini* tad-digriet tat-28 ta' Novembru, 2014, fi żmien meta l-minuri kellu kważi sena. Iżżid tgħid li l-intimat ma ppreżentax kontro-talba kif strettament kellu jagħmel jekk ried xi bdil fuq dan. Pero` tkompli billi korretament tgħid li " *dan ma jfissirx li d-deċiżjoni relatata mal-kura u kustodja għandha neċessarjament tingħata lil dik il-parti li tkun qed titlobha u dan għaliex huwa fid-dover u fl-obbligu tal-Onorabbli Qorti sabiex tasal għal tali deċiżjoni skond dak li huwa fl-aħjar interess tal-minuri."*[84]

Il-Perit legali tagħmel referenza wkoll għar-rikors li ppreżentat r-rikorrenti fl-1 t'Ottubru, 2018 fejn *inter alia* talbet sabiex tiġi awtorizzata tiffirma waħedha kwalsiasi dokumentazzjoni relattiva għall-edukazzjoni tal-minuri Mattias, u tosserva li bid-digriet li ngħata fit-30 t'Ottubru, 2018 it-talba tar-rikorrenti ġiet milqugħa biss limitatament għal dak li jirrigwarda deċiżjonijiet mhux ta' natura straordinarja;

Il-perit legali tagħmel referenza għall-fatt li din il-kawża ilha għaddeja minn mindu l-minuri konċernat kien tarbija iżda illum għandu disa' snin u nofs, u għalhekk tħoss li ma jkunx ta' ġid għall-minuri jekk ikun hemm bdil fil-mod ta' kif ilhom jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-istess minuri wara daż-

[84] Fol 614

żmien kollu. In oltre`, korrettament tosserva li teżisti problema kbira ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, u għall-Qorti din hija kruċjali għaliex wara kollox il-Qorti għandha tħares l-ewwel u qabel kollox għal dak li huwa fl-interess suprem tal-minuri. Hawnhekk il-Qorti ser tikkwota testwalment parti mir-rapport tal-perit legali fejn tgħid u tikkonkludi s-segwenti fuq din it-talba:

*" fiċ-ċirkostanzi l-esponenti tħoss li d-Digriet tat-28 ta' Novembru, 2014 għandu jiġi konfermat b'dan li l-attriċi tkun vestita bil-kura u l-kustodja tal-minuri b'dan pero li kwantu għal deċiżjonijiet straordinarji relatati mal-edukazzjoni (bħal per eżempju bdil ta' skola) u saħħa tal-minuri, tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu miz-zewġ ġenituri flimkien, salv għal xi każ ta' emerġenza li f'dak il-każ, kull wieħed u waħda minnhom għandu jkollu d-dritt u l-awtorizzazzjoni sabiex jieħu kwalunkwe deċiżjoni fl-aħjar ointeressi tal-minuri"*

F'dan l-istadju l-Qorti ser tagħmel referenza għan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet[85] li ġew ippreżentati in segwitu għar-rapport tal-perit legali. Minn naħa tar-rikorrenti, din laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali fuq il-kura u l-kustodja esklussiva iżda skontha għandu jiġi implementat wkoll is-segwenti*: "tawtorizza lill-esponenti sabiex tiffirma waħedha l-applikazzjoni biex mill-iskola tal-Knisja ta' St Francis (li hija biss skola primarja), il-minuri Mattias ikun jista' japplika għal skola sekondarja tal-Knisja (fejn għandu jedd li awtomatiku li jattendi).*

[85] Fol 635 – 640 u 641 sa 649 rispettivament.

Il-Qorti issa tagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat li jżomm ferm il-posizzjoni tiegħu fejn isosnti li ma hemm l-ebda raġuni valida sabiex il-kura u l-kustodja tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti.

Illi Qorti tħoss li l-perit legali għamlet apprezzament tajjeb tal-fatt li sfortunatament għall-minuri konċernat il-ġenituri tiegħu m'humiex kapaċi jikkomunikaw mingħajr diffikulta` kbira. Dan joħroġ ben ċar minn l-ammont ta' rikorsi li ġew ippreżentati f'din il-kawża miż-żewġ partijiet fuq kważi kull aspett possibbli. Bħala stat ta' fatt u permezz tad-digriet *pendente lite* ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti ilha vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva għal diversi snin u l-Qorti tħoss li l-konklużjonijiet li wasslet għalihom il-perit legali għandhom jiġu akkolti eżattament kif irrakomandat mingħajr ma żżid xejn, u minflok il-Qorti tistieden lill-partijiet sabiex jitgħallmu jikkoperaw fid-deċiżjonijiet straordinarji, u jaġixxu biss fl-interess suprem tal-minuri. Dawn it-tip ta' deċiżjonijiet speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, u (iv) safar barra minn Malta, u għaldaqstant il-Qorti tordna li dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet.

*Residenza:*

Ladarba hemm qbil bejn il-partijiet dwar ir-residenza tal-minuri Mattias E, il-Qorti qed tordna li r-residenza tal-minuri għandu jkun mar-rikorrenti fir-residenza tagħha f'Malta.

*Passaport*

B'referenza għal dak li għandu x'jaqsam mal-Passaport tal-minuri l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali li l-minuri għandu jkollu passaport miftuħ bil-firma u l-kunsens taż-żewġ partijiet u dan għaliex kif

sewwa osservat il-Perit Legali: "*mill-atti jirriżulta li l-minuri siefer maż-żewġ partijiet u ma kienx hemm problemi ta' nuqqas ta' firem/kunsens (apparti okkażżjoni fejn l-attriċi jirriżulta li siefret mal-minuri mingħajr il-kunsens ta' din l-Onorabbli Qorti), l-esponenti tħoss li jkun opportun li tapplika l-istess raġunament u għalhekk tħoss li din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li kwalunkwe passaport għall-minuri għandu jinħareġ bil-firma u l-kunsens taż-żewġ ġenituri.*"

Il-Qorti tiddeplora l-aġir tar-rikorrenti meta ddeċidiet li issiefer mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, iżda mill-atti jidher li dan seħħ darba biss, u twissiha sabiex dan l-inċident ma jirrrepetix ruħu. Il-Qorti xorta ser tordna li l-Passaport jiġi miżmum mir-rikorrenti.

*Safar*

Fuq l-istess tema l-Qorti issa ser tikkunsidra dak li rrakkomandat il-Perit Legali rigward safar, imbagħad tgħaddi biex tagħmel analiżi tal-posizzjoni tal-partijiet.

Il-Perit legali rrakkomandat li "*kwalunkwe safar li għandu jagħmel il-minuri għandu jseħħ bil-kunsens /bl-approvazzjoni taż-żewġ ġenituri qabel tali safra b'dan li l-istess partijiet jinfurmaw lil xulxin b'tali intenzjoni ta' safar għall-anqas 3 ġimgħat qabel. Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li kwalunkwe safar li jistgħu jagħmlu il-partijiet mal-minuri (ad esklużjoni tal-ġenitur l-ieħor) għandu jkun bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-ġenitur l-ieħor bil-miktub (email jew text message ikun biżżejjed għal dan il-għan) u l-ġenitur li ser jibqa' hawn Malta għandu jingħata l-informazzjoni kollha dwar tali safra*

*(inklużi flights, akkomodazzjoni, ma' min ser ikun il-minuri, destinazzjoni/ destinazzjonijiet) 3 ġimgat qabel tali safra u għandu jkun hemm aċċess telefoniku għall-anqas darbtejn kuljum f'ħin miftiehiem bejn il-partijiet. Kull ġenitur għandu jħallas l-ispejjeż ta' kull safra li jkun ser jagħmel /tagħmel mal-minuri mingħajr id-dritt ta' xi forma ta' rimbors da parti l-oħra iżda jekk il-minuri jkun mistieden li jsiefer mal-iskola jew ma xi entita` li jattendi – allura f'dak il-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet f'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-mitkub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed) imma xi ġenitur minnhom ma jkunx jista' jħallas għal sehmu/sehmha minn tali safra, l-ġenitur l-ieħor ikollu/jkollha d-dritt imma mhux l-obbligazzjoni li jħallas għal tali safra."*[86]

Illi minn qari tan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet jidher li hemm qbil fuq s-segwenti parti tar-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali:

*"…l-ġenitur li ser jibqa' hawn Malta għandu jingħata l-informazzjoni kollha dwar tali safra (inklużi flights, akkomodazzjoni, ma' min ser ikun il-minuri, destinazzjoni/ destinazzjonijiet) 3 ġimgat qabel tali safra u għandu jkun hemm aċċess telefoniku għall-anqas darbtejn kuljum f'ħin miftiehiem bejn il-partijiet. Kull ġenitur għandu jħallas l-ispejjeż ta' kull safra li jkun ser jagħmel /tagħmel mal-minuri mingħajr id-dritt ta' xi forma ta' rimbors da parti l-oħra iżda jekk il-minuri jkun mistieden li jsiefer mal-iskola jew ma xi entita` li jattendi – allura f'dak il-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet f'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-mitkub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed)"*

[86] Fol 618

Għalhekk il-Qorti ser tilqa' din il-parti appena ċitata tar-rakkomandazzjoni tal-perit legali. Madankollu il-Qorti tħoss li minħabba dak li jirriżulta mill-atti u min-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet, ikun iktar idoneju li f'dan il-każ il-Qorti tipprovdi u tirregola b'mod iktar speċifiku u dettaljat, dak li għandu japplika meta l-partijiet ikunu jixtiequ jsiefru bil-minuri u dan sabiex kemm jista' jkun jiġi evitat id-diżgwid bejniethom. Għaldaqstant rigward *Safar* il-Qorti qed tordna u tawtorizza:

1. Li kwalukwe safar li jridu jagħmlu l-partijiet mal-minuri għandu jkun bil-kunsens jew approvazzjoni tal-ġenitur l-ieħor bil-miktub (email jew text message ikun biżżejjed); u

2. Li jrid jingħata pre-avviż lill-parti l-oħra ta' tali intenzjoni ta' safar għall-anqas tlett (3) ġimgħat qabel;

3. Li kull ġenitur jista' jsiefer bil-minuri darbtejn fis-sena, għal perjodu ta' mhux iktar minn sebat (7) ijiem kull darba;

4. Li tali safar qatt ma jista' jimpinġi fuq l-impenji akkademiċi tal-minuri;

5. Li jekk tali safar ser isir fil-vaganzi tal-Milied jew fl-Għid, il-parti li għandha aċċess għall-minuri f'dak il-perjodu partikolari skont il-modalita` tal-aċċess li ser jiġi ordnat fil-paragrafi sussegwenti fis-sezzjoni intesata *Aċċess,* dik il-parti għandha jkollha l-għazla/ fakulta` li tuża waħda miż-żewġ safriet annwali f'dak il-perjodu;

6. Rigward *Mid-term*. Il-ġenitur li f'sena partikolari jkollu aċċess għall-minuri fil-perjodu tal-*Mid-Term* jista' jagħzel li juża waħda miż-żewġ safriet tiegħu matul dan il-perjodu.

7. Kwalukwe safar ulterjuri jista' jsir biss skont dak indikat fir-rapport tal-perit legali, u ċioe`: bil-kunsens /bl-approvazzjoni taż-żewġ ġenituri qabel tali safra, liema kunsens għandu jingħata bil-miktub, anki permezz ta' email, b'dan li l-istess partijiet jinfurmaw lil xulxin b'tali intenzjoni ta' safar għall-anqas 3 ġimgħat qabel.

8. In oltre` għall-kwalunkwe safar, il-ġenitur li ser jibqa' hawn Malta għandu jingħata l-informazzjoni kollha dwar tali safra (inklużi flights, akkomodazzjoni, ma' min ser ikun il-minuri, destinazzjoni/ destinazzjonijiet) 3 ġimgat qabel tali safra u għandu jkun hemm aċċess telefoniku għall-anqas darbtejn kuljum f'ħin miftiehiem bejn il-partijiet. Kull ġenitur għandu jħallas l-ispejjeż ta' kull safra li jkun ser jagħmel /tagħmel mal-minuri mingħajr id-dritt ta' xi forma ta' rimbors da parti l-oħra iżda jekk il-minuri jkun mistieden li jsiefer mal-iskola jew ma xi entita` li jattendi – allura f'dak il-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet f'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-mitkub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed).

*Aċċess*

Fir-rapport tagħha il-perit legali tirrimarka li l-aċċess x'aktarx kien il-*bone of contention prinċipali* ta' bejn il-partijiet. Il-Qorti taqbel magħha. Mill atti jirriżulta li fil-mori tressqu ammont kbir ta' rikorsi miż-żewġ partijiet u dan sabiex l-aċċess jiġi varjat skont l-esiġensi u ċ-ċirkostanzi li nqalgħu. Il-Perit Legali elenkat[87] ir-rikorsi kollha li ġew ppreżentati f'din il-kawża u osservat li d-digrieti li ngħataw effettivament rregolarizzaw is-sitwazzjoni u tħoss li l-istess Digrieti għandhom jibqgħu fis-seħħ peress li bihom

[87] Vide fol 619 sa 623

intlaħaq bilanċ, madanakollu u għal kompletezza żiedet ma' dak diġa` ordnat *ai termini* tad-Digrieti li għandhom jiżdiedu mal-lista ġranet speċifiċi ta' *Mother's Day* u *Father's Day* sabiex hekk ikun ċar għall-partijiet li dawn il-ġranet huma regolati wkoll, u b'hekk jiġu evitati l-problemi.

Illi minn qari tan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taż-żewġ partijiet, jidher li huma jirrikonoxxu l-fatt li d-diversi digrieti li ngħataw fil-mori jirregolaw biċ-ċar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-aċċess. In oltre` l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jirrikonoxxi wkoll illi l-eżiġenzi tal-minuri jinbidlu minn żmien għal żmien.

Illi Qorti rat dak kollu li qalu l-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, u tara wkoll li l-minuri in kwistjoni illum għandu disa' snin u nofs, fejn dera l-modalita` implimentata *ai termini* tal-varji digrieti, li permezz tagħhom il-minuri jista' jkompli jgawdi relazzjoni tajba maż-żewġ ġenituri tiegħu. Madanakollu l-Qorti trid taċċerta ruħha li dan it-tifel ser jkollu rutina ċara u stabbli u għaldaqstant filwaqt li l-Qorti ser tilqa' dak irrakkomandat mill-perit legali u tikkonferma d-digrieti li ngħataw *pendente lite* iżda dana ħa tagħmlu safejn huma kompatibbli mas-segwenti varjazzjonijiet tal-Qorti: B'hekk il-Qorti tordna li filwaqt li għandhom jiġu ikkonfermati d-digrieti tal-aċċess li ngħataw minnha *pendente lite* dan qed tikkonfermahom safejn huma kompatibbli ma' dan hawn ordnat, u ċioe` li:

- l-aċċess tal-missier matul is-sena skolatistka jibda fl-erbgħa (16.00 pm) ta' waranofsinhar u jispiċċa fis-sebgħa u nofs (19.30pm);
- Illi fil-vaganzi tas-sajf, u sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor bejn il-partijiet bil-mitkub (anki permezz ta' *text message* jew *email)*, l-aċċess tal-initmat għandu jiġi estiż sad-disa' ta' filgħaxija

(21.00) b'dana li l-minuri ikun maħsul u kiel qabel ma jiġi rritornat lura għand ommu;

- Il-missier intimat għandu jiġbor lil-minuri fil-ħin indikat tal-bidu tal-aċċess mill-Paroċċa u/jew kunsill lokali, skont kif maqbul bejn il-partijiet bil-miktub (anki permezz ta' *text message* jew *email)*, tal-lokalita` tar-rikorrenti u l-intimat għandu jerġa' jwassal lil minuri lura fl-istess post fil-ħin indikat bħala t-tmiem tal-aċċess tiegħu;
- Illi l-intimat qed jiġi ordnat li meta fil-ġranet tal-aċċess tiegħu l-minuri jikollu attivajiet extra-kurrikulari, huwa għandu jwassal lil minuri għal dawn l-attivitajiet extra-kurrikukari fil-ħin u jiġbru fil-ħin, u dan ikunu fejn ikunu dawn l-attivitajiet extra-kurrikulari;
- Illi meta l-MUŻEW jaħbat mal-ġranet tal-aċċess l-intimat, huwa ordnat sabiex il-minuri ma jitlifx il-MUŻEW u għandu jwasslu fil-ħin;
- Rigward il-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-Minuri jagħmel minn dik il-ġurnata li jibda l-vaganzi tal-Milied, sas-26 ta' Diċembru (*Boxing Day*) fl-għaxra ta' filgħodu (10.00 am) ma' ġenitur wieħed u mis-26 ta 'Diċembru (*Boxing Day*) fl-għaxra ta' filgħodu (10.00) sat-2 ta' Jannar fl-għaxra (10.00) ta' filgħodu, mal-ġenitur l-ieħor, b'mod alternat minn sena għall-oħra. Fl-Ewwel Milied wara li tingħata din is-sentenza l-minuri jkun mar-rikorrenti omm, filwaqt li fl-ewwel perjodu ta' bejn is-26 ta' Diċembru, sat-2 ta' Jannar, il-minuri jkun mal-intimat missier.
- L-istess għandu japplika għall-festi u vaganzi tal-iskola fil-perjodu ta' l-Għid il-Kbir, u b'hekk il-minuri għandu jqatta' nofs il-vaganzi ma' ġenitur wieħed u l-kumplament/in-nofs l-ieħor tal-vaganzi mal-ġenitur l-ieħor, fl-Ewwel Għid il-Kbir ikun il-missier li jkollu aċċess għall-minuri;

- Rigward l-vaganzi tal-*mid-term*, għal dan il-perjodu ta' vaganzi l-minuri jagħmel sena minnhom ma' ġenitur wieħed u s-sena ta' wara mal-ġenitur l-ieħor, b'mod alternat minn sena għall-oħra. Fl-ewwel *Mid-Term* wara li tingħata din is-sentenza l-minuri jkun mal-omm;
- Rigward il-Festi ta' Santa Maria f'Awwissu, il-partijiet għandhom jalternaw minn sena għall-oħra mill-ħmistax (15) ta' Awwissu fid-9.00 ta' filgħodu sat-tmintax (18) ta' Awwissu fid-disgħa ta' filgħaxija u dan skont min imissu dik is-sena *ai termini* ta' dak li ser jiġi ordnat għall-festi pubbliċi u nazzjonali;
- Fil-Festi pubbliċi u nazzjonali li mhumiex indirizzati speċifikament dan għandu jkun alternat bejn il-partijiet, mis-sitta (6.00) ta' filgħaxija tal-jum qabel il-festa, sal-għada jum il-festa fis-sitta ta' filgħaxija (6.00);
- Fil-Festa tar-Raħal tal-partijiet rispettivi, il-ġenitur li jkun qed jiċċelebra dik il-festa tar-Raħal tiegħu jkollu aċċess għall-minuri għall-weekend.
- F'Jum L-Omm il-Minuri jibqa' ma l-omm u F'Jum il-Missier il-Minuri jqatta' dik il-ġurnata mal-missier bejn id-disgħa (9.00) ta' filgħodu u s-sitta (6.00) ta' filgħaxija;
- F'gheluq snin l-omm il-Minuri jibqa' mal-omm;
- F'għeluq snin il-missier, l-intimat ikollu dritt ta' aċċess għal tal-inqas tlett (3) sigħat;
- F'għeluq snin il-Minuri li jaħbat fit-18 ta' Diċembru, iż-żewġ partjiet għandhom jkollhom aċċess ugwali għall-minuri.

Għal bqija għandhom japplikaw id-digrieti li ngħataw fl-mori, hekk kif ikkonfermati mill-perit legali fir-rapport tagħha.

**<u>Dwar it-Tieni Talba</u>**

Din it-talba hija konsegwenzjali għat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Ġjaladraba l-Qorti qiegħdha tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv, bil-konsegwenza li l-minuri ser jirrisjedi mar-rikorrenti, allura dan neċessarjament ifisser li l-intimat għandu jikkontribwixxi għall-għixien tat-tifel tiegħu billi jħallas manteniment lir-rikorrenti għal bżonnijiet tal-minuri. Dan qiegħed jingħad in linea ta' ġurisprudenza , fosthom ***Jennifer Portelli pro et noe vs Portelli John***[88] fejn saret referenza għal-artikoli: 3, 3B u 7 gtal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*Illi skond l-artikolu 3B tal-Kap 16 hemm stipulat illi: "Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali w aspirazzjonijiet tal-ulied."*

*Illi skond l-artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16 jinghad li:- "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

*Illi għalhekk abbazi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess"*

F'sentenza ta' din il-Qorti stess, fl-ismijiet ***Helena Fountain vs Anthony Fountain***[89] hemm rifless il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti u l-applikazzjoni tal-artikoli rilevanti fuq l-obbligu tal-ġenituri rigward il-manteniment għall-ulied:

[88] Deċiża nhar il-25 ta' Ġunju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru. 2668/1996/2)
[89] Deċiża fis-27 ta' Novembru, 2012 (Rik.Ġur 13/12 AL)

*Illi huwa ovvju li kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri, pero xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri versu uliedhom, speċjalment għall-manteniment għall-istess u dan fit-termini preskritti fl-artikoli 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u edukazzjoni tagħhom u skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikolu ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skont id-dettami tal-liġi, u skond il-kalkoli hemm indikati.*

*l-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-edba mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-ġenitur iżda hu obbligu assolut."*

Illi qabel il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Perit Legali fuq din t-tieni talba tar-rikorrenti rigwardanti l-manteniment li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti għall-bżonnijiet ta' ibnu l-minuri Mattias E, tirrileva li ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, u fosthom qed telenka s-segwenti:

- l-Affidavit tar-rikorrenti[90];
- Il-prospett eżebit mal-istess Affidavit[91];
- L-eżami tal-intimat[92] fejn xehed li bħala *green grocer* ma kienx VAT exempt; li huwa s-sid ta' proprjeta` mmobbli li fuqha hemm

[90] Vide fol 94
[91] Dok AJC 1 datat Mejju 2015
[92] Fol 197

id-dejn; u li xehed ukoll fuq il-vetturi tiegħu, fosthom Mercedes u RX 7;

- Ir-riċerki eżebiti mir-Reġistru Pubbliku li jikkonċernaw l-intimat u l-att tal-akkwist relattiv tal-proprjeta` mmobbli tiegħu liema proprjeta` l-intimat akkwista fis-sena 2014 għall-prezz ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000);
- Li l-pagamenti mensili li l-initmat jħallas fuq is-self mal-bank fuq il-proprjeta` mmobbli tiegħu huma fl-amont ta' mitejn tlieta u tletin Ewro (€233) fix-xahar;
- Li f'hin minnhom l-intimat kien rreġistra ma' *Jobs Plus* iżda ġie maqtugħ mir-reġistru wara li m'attendiex għall-kors li kellu jattendi;
- Kif ikkomporta ruhu l-intimat waqt l-eżami tiegħu quddiem il-Perit Legali; In-nota li ppreżentat il-Perit Legali minħabba kif l-intimat ġab ruhu f'dik is-seduta,[93] u dak ordnat mill-Qorti permezz tal-verbal tal-24 ta' Mejju, 2018;
- Id-dokumenti eżebiti mir-rikorrenti li juru li l-intimat huwa direttur tal-kumpannija *Almat Excavations Works* kif ukoll *sole shareholder* u segretarju tal-istess soċjeta`;
- Il-fatt li l-partijiet it-tnejn jaħdmu;
- L-ispejjeż li r-rikorrenti elenkat permezz ta' dokument maħluf ACA 1[94] u li xehdet dwarhom;
- Il-varji rikorsi li ġew ippreżentati mill-partijiet – fosthom b'talbiet biex isiefru mal-minuri u liema rikorsi jagħtu stampa ċara taċ-ċertu stil ta' ħajja li għandhom il-partijiet;
- Id-digriet tat–28 ta' Novembru, 2014 fejn l-intimat ġie ordnat sabiex *pendente lite* jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €180 fix-

[93] Fol 537
[94] Fol 551

xahar bħala manteniment għall-bzonnijiet tal-minuri oltre` nofs l-ispejjeż mediċi u ta' edukazzjoni nkorsi għall-bżonnijiet tal-minuri;

- Id-digriet tal-1 t'Ottubru 2015 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi u konsegwentment l-ammont ta' manteniment ma ġiex varjat għall-ammont ta' €350 fix-xahar (li kellu jinkorpora wkoll sehem l-intimat tal-ispejjeż mediċi ordinarji tal-istess minuri) kif kien mitlub minnha;
- Li mill-provi jirriżulta li l-intimat kien qed iħallas lir-rikorrenti manteniment għall-minuri fl-ammont ta' €180 fix-xahar biss – bla awment skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kif kien ordnat li jagħmel *ai termini* tad-digriet tat–28 ta' Novembru 2014. Għal dan isir referenza għall-affidavit u x-xhieda tar-rikorrenti iżda wkoll għal dak li jirriżulta mit-transazzjonijiet bankarji eżebiti a fol 257 sa 261.

Illi in vista tal-fatt li l-partijiet ma jistgħux jikkomunikaw mingħajr diffikulta` kbira, il-perit legali rrakkomandat ħlas ta' manteniment globali li jkopri kollox inkluż l-ispejjeż għall-ħruġ tal-Passaport tal-minuri. Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan il-ħsieb u taqbel li l-manteniment illikwidat għandu jkopri l-ispejjeż kollha relatati mal-minuri u dan sabiex jiġi evitat diżgwid bejn il-partijiet.

Il-perit legali tagħti eċċezzjoni waħda - li jekk iż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens biex it-tifel imur fuq safra ma' l-iskola, hemmhekk it-tnejn għandhom iħallsu għal tali safra. Il-perit legali kompliet li " *f'każ li ż-żewġ ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub għal tali safar (permezz ta' email jew text message ikun biżżejjed) imma xi ġenitur minnhom ma jkunx*

*jista' jħallas għal sehemu/sehemha minn tali safra, l-ġenitur l-ieħor ikollu /jkollha d-dritt imma mhux l-obbligu li jħallas għal tali safra"*

Il-Qorti taqbel mal-perit legali u tħoss li fl-ammont ta' manteniment fix-xahar pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti, m'għandhomx jiġu nklużi l-ispejjeż speċifiċi ta' safar edukattiv mal-iskola jew entita` edukattiva li l-minuri jkun qed jattendi. Għalhekk il-Qorti ser tilqa' din ir-rakkomandazzjoni tal-perit legali u tordna li dawn l-ispejjeż iridu jiġu ssopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet meta il-kunsens jingħata . B'hekk il-Qorti mhux qed tilqa' biss biss dik il-parti tar-rakkomandazzjonijiet fejn il-perit legali tgħid:
*:...imma xi ġenitur minnhom ma jkunx jista' jħallas għal sehemu/sehemha minn tali safra, l-ġenitur l-ieħor ikollu /jkollha d-dritt imma mhux l-obbligu li jħallas għal tali safra"*

U dan għaliex fil-fehma tal-Qorti jekk iż-żewġ partijiet ikunu qablu u taw il-kusnes tagħhom fuq dan it-tip ta' safar fejn il-minuri jsiefer mal-entita` edukattiva tiegħu, t-tnejn li huma għandhom iħallsu b'mod ugwali għal din is-safra.

Issa l-Qorti tgħaddi għal dik il-parti tar-rapport tal-perit legali fejn wara li l-istess perit legali ħadet konjizzjoni tal-verżjoni tar-rikorrenti u l-provi mressqin minnha u dak li xehed dwaru l-intimat, irrakkomandat li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti ammont globali ta' manteniment għall-minuri Mattias fl-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) fix-xahar .

B'referenza għan-noti ta' kritika tar-rikorrenti u intimat rispettivament jirriżulta dan li ġej:

- Ir-rikorrenti tikkonferma li l-ammont ta' manteniment li baqa' jħallas l-intimat tul dawn il-proċeduri huwa biss dak fl-ammont ta' €180 fix-xahar u li ma osservax dak ordnat ai termini tad-digriet li baqa' in vigore rigward spejjeż edukativi u saħħa;
- Ir-rikorrenti ssostni li dan huwa ammont ferm iktar baxx minn dak normalment stabbilit mill-Qrati;
- Taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali iżda żiedet li dan l-ammont m'għandux jinkludi l-ispejjeż relatati mal-attivita extra-kurrikulari tal-għażla tiegħu. Fl-ispjegazzjoni tagħha għal dan, tgħid li l-intimat għażel li jibgħat lit-tifel tiegħu għal-lezzjonijiet tal-pjanu, u l-ispejjeż preżenti u annwali ta' din l-attivita` jammontaw għal tmin mitt (€800) Ewro fis-sena u li maż-zmien dawn ser jiżdiedu. Ir-rikorrenti tgħid fin-nota ta' kritika tagħha li: *"Ikun għalhekk inġust li tali spiża addizzjonali tiġi mposta fuq l-esponenti, ladarba hija b'deċiżjoni u għażla tal-intimat li issir tali spiża."*[95] Hawnhekk il-Qorti tirrileva li abbażi ta' dak eżebit mir-rikorrenti stess fil-prospett immarkat Dok ACA 1, l-ispejjeż indikati għall-futbol huma viċin dawk li tgħid li huma l-ispejjeż tal-pjanu.
- Ir-rikorrenti tħoss li "*għandha tiġi kkumpensata għat-telf fil-manteniment fil-mori tal-proċeduri liema telf jammonta mill-anqas għal €70 fix-xahar għal tmien snin, ossija l-ammont globali ta' €6720, oltre l-ispejjeż li l-esponenti nkorriet bħala spejjeż mediċi u edukattivi tat-tifel matul dawn is-snin."*[96]

Minn naħa tal-intimat dak li joħroġ minn-nota ta' kritika tiegħu huwa:

[95] Fol 639
[96] Fol 639.

- kontestazzjoni tal-ammont llikwidat mill-perit legali u għal dan jirreferi kemm għar-rikors tar-rikorrenti datat 4 ta' Settembru, 2015 fejn l-ammont mitlub minnha kien ta' €350 fix-xahar. Għal dan jirreferi wkoll għal dak li qalet fl-Affidavit tagħha. Jgħid li sussegwentment fl-2021 l-ammonti li xehdet dwarhom ir-rikorrenti nbiddlu u ma jaqbilx mal-ispejjeż li jirriżultaw mill-prospett eżebit (Dok ACA 1)[97]: *eating out expenses*, home loan, u kera.
- Fin-nota tiegħu jgħid:

  " *... hu ferm inkwetanti, fejn perit legali ingħataw is-somma ta' Euro 11,026.50 fis-sena għall-ispejjeż tal-minuri... hawnhekk l-ammont li hu mistenni bħala manteniment (li kieku dawn kienu kollha attribwixxibbli lil minuri ) hu l-ammont ta' Euro 433.33, pero` ġie deċiż illi dan l-ammont għandu jiġi miżjud ulterjorment mill-perit legali għal Euro 500 fix-xahar fir-rapport tagħha. Ammont li ġie miżjud, bla ebda spjegazzjoni...*"
- L-intimat jargumenta li m'għandux iħallas iktar minn l-ammont ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż mediċi u edukattivi;
- Iżid jgħid li r-rikorrenti qatt ma talbet żieda fil-manteniment u oltre` minn hekk jgħid li ma hemm l-ebda talba speċifika għall-arretrati ta' manteniment u konsegwentment dawn mhumiex dovuti u jsostni li dan iktar u iktar in vista tal-fatt li l-attriċi kompliet taċċetta s-somma ta' €180 fix-xahar.

Qabel xejn il-Qorti tibda billi tgħid li fil-fatt il-perit legali spjegat kif waslet għas-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) fix-xahar u dan għaliex ibbażat ruħha fuq il-prospett eżebit mir-rikorrenti u aġġiustat dan l-ammont peress

[97] Fol 551

li l-prospett sar fis-sena 2021 in fatti tgħid "*li wara l-Covid -19 l-ispejjeż splodew*"[98].

Illi Qorti tinnota wkoll li permezz tar-rikors tagħha tal-4 ta' Settembru, 2015, ir-rikorrenti kienet talbet lil Qorti sabiex tvarja d-digriet tat- 28 ta' Novembru, 2014 *" bill tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-esponenti s-somma ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar bħala bżonnijiet tal-minuri, liema somma tkun tinkludi wkoll nofs l-ispejjeż mediċi ordinarji , u mhux kif stipulat fl-abbozz imsemmi, ossija mija u tmenin Ewro (180.00) fix-xahar flimkien ma nofs l-ispejjeż mediċi ordinarji tal-minuri.* "

Il-Qorti tinnota wkoll li fid-dokumenti eżebiti ma' dan ir-rikors, hemm Dok. AJC 1[99]. Dan id-dokument juri li r-rikorrenti pproċediet b'kawża quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Zgħar fejn *inter alia* r-rikorrenti kienet qed titlob rifużjoni ta' spejjeż mediċi li skontha l-intimat kien qed jirrifjuta li jħallas. Il-Qorti rat li fl-atti jirriżulta wkoll li l-intimat ikkontesta din it-talba.

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għal dak li intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Audrey Buhagiar f'isimha personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' bintha minuri Kayleigh Schembri vs Daniel Schembri[100]:**

***"Wieħed l-ewwelnett għandu jifhem li f'eżerċizzju bħal dak li tagħmel il-Qorti meta tiffissa ħlas ta' manteniment, l-istess Qorti tkun qed tagħmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u 'imbagħad skont l-artikli fuq imsemmija tal-Kodiċi Ċivili tasal għall-konklużjoni***

[98] Vide fol 625
[99] Fol 35
[100] Deċiża fil-25 ta' Novembru 2016 mill-Qorti tal-Appell Rik Nru: 24/12 RGM

***tagħha dwar x'għandu jkun l-ammont ġust li jitħallas; Conti v Bonnici, 30 ta' Jannar 2015."***

Il-Qorti tal-Appell f'din l-istess sentenza kompliet:

"*Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Cartherine Mifsud v. Louis Mfisud (deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2013), intqal li "l-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu **meta hemm il-bżonn** (L-Artikolu 20.1 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-manteniment ikun dovut skont il-**bżonn** ta' min qed jitlobu). Skont is-subinċizi l-oħra tal-istess artikolu l-manteniment għandu jiġi iffissat skont il-mezzi ta' min huwa obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegħ mill-attivita tiegħu u anke l-utili tal-beni tiegħu."*

Għalhekk il-Qorti issa ser tgħaddi biex tanalizza l-provi mressqa fil-kuntest ta' dan l-aspett ta' *bżonn* - u ċioe` f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż sabiex il-minuri jkun mantnut kif jixraq skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi u fl-istess ħin meta l-Qorti ħa tikkunsidra dan il-*bżonn* ser iżżomm quddiem għajnejha il-mezzi tal-intimat - liema mezzi ġew elenkati fil-paragrafi preċedenti u li għamlet referenza għalihom ukoll il-perit legali.

F'dan is-sens il-Qorti tinnota li meta f'Mejju tal-2015 ir-rikorrenti ppreżentat prospett maħluf (Dok AJC 1), ir-rikorrenti xehdet li dan il-prospett kien jinkludi wkoll spejjeż mediċi, iżda mhux spejjeż ta' edukazzjoni (dak iż-żmien il-minuri kien għad kellu sena u nofs) l-ispejjeż tal-minuri kienu jammontaw għal €707.84. Il-Qorti ma tara xejn żejjed f'dan il-prospett eżebit mill-attriċi għall-perjodu konċernat.

Fis-seduta quddiem il-perit legali tas-7 t'Ottubru, 2021, ir-rikorrenti eżebiet prospett ieħor li mmarkatu bħala Dok ACA 1[101] u fix-xhieda tagħha spjegat dan l-istess prospett. Spjegat kif f'dan il-prospett inkludiet mhux biss ikel u spejjeż ġenerali iżda wkoll spejjeż tad-dentist, mediċini, tal-iskola, *birthday presents* , rigali għall-għalliema, uniformijiet, *donations* u dan hekk kif jirrżulta minn dan id-dokument. Permezz ta' dan id-dokument ir-rikorrenti tikkontendi li l-ispejjeż relatati mal-minuri jammontaw għal €11, 026.50 fis-sena. Il-Qorti tinnota li fis-seduta quddiem il-perit legali r-rikorrenti kkonfermat li dan d-dokument għamlitu hi u kkonfermatu bil-ġurament.

Fl-istess seduta r-rikorrenti xehdet li l-minuri kien qed jattendi l-iskola ta' St Francis Cospicua fejn il-miżata hi ta' €120 kull term u li dawn *il-school fees* qed tħallashom waħedha u li s-sena preċedenti l-kontribuzzjoni minn naħa tal-intimat għall-edukazzjoni kien limitat għal sehemu (in-nofs) tal-ispejjeż tal-uniformi u kotba biss. Tkompli li bħala manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri kienet għadha qed tirċievi biss mingħand l-intimat l-ammont ta' €180 fix-xahar . Fix-xhieda tagħha tkompli tgħid li qatgħet qalbha titolbu sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa tat-tifel.[102]

Il-Qorti rat li-prospett ippreżentat mir-rikorrenti mmarkat Dok ACA 1 u filwaqt li tinnota li r-rikorrent ħalfet il-kontenut tal-istess u li dan id-dokument ma ġiex ikkontestat mill-intimat fl-istadju tal-provi, madanakollu tħoss li hemm ċertu ammonti li anki jekk huma reali mhumiex neċessarjament bżonnjużi.
Għal dan il-Qorti tirreferi għall-uħud mill-ammonti indikati f'dan il-prospett fosthom :

[101] Fol 551
[102] Vide fol 546-547

- Li tifel ta’ disa snin u nofs m’għandux għalfejn jmur jaqta xagħaru daqshekk spiss biex l-ispejjeż jitilgħu għall-mija u għoxrin (€120) fis-sena.
- L-istess jingħad għall-ammont indikat mir-rikorrenti għall-ħwejjeġ ġodda;
- bl-istess mod il-Qorti tħoss li spejjeż relatati ma’ *eating out* u li jammontaw għall- elfejn u sitt mitt Euro (€2,600) fis-sena għall-minuri konċernat ma jistgħux jitqiesu bħala bżonn;
- l-ammont indikat fis-sezzjoni *other expenses* huwa eċċessiv u mhux kwistjoni ta’ bżonn;
- L-ispejjeż tal-crafts tniżżlu darbtejn.

Wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni ta’ kollox, tikkonkludi illi manteniment ġust da parti tal-missier intimat fir-rigward tat-tifel għandu jkun fl-ammont ta’ tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€375) kull xahar u konsegwentement l-ammont llikwidat u ordnat minn din il-Qorti bħala manteniment globali għall-bżonnijiet kollha tal-minuri pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti huwa fl-amont ta’ tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€375) fix-xahar.
Il-Qorti tenfasizza li dan l-ammont jinkludi sehem l-intimat tal-ispejjeż kollha relatati mal-minuri u ċioe` inkluż dawk ta’ saħħa u edukazzjoni, kemm spejjeż ordinarji u straordinarji, bl-eċċezzjonijiet uniċi tal-ispejjeż relatati mal-atttivita` extra-kurrukulari tal-pjanu li għandhom jibqgħu a kariku tal-intimat u ta’ dawk tas-safriet edukattivi li l-partijiet jaqblu dwarhom u jagħtu l-kunsens tagħhom li għandhom jitħallsu nofs bin nofs bejn il-partijiet.

In oltre` dan il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-intimat huwa

obbligat li jħallas manteniment għall-minuri Mattias E sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)- il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorennni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm jispiċċa l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruhha l-ewwel. Kwalukwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-istess minuri, inkluż *Childrens Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mir-rikorrenti għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax (18) -il sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

Jibqa' issa biex il-Qorti tiddeċiedi fuq il-kwsitjoni tal-arretrati *ossia* kumpens għat-telf ta' manteniment tul il-proceduri, kif indirirzzata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-intimat qed jopponi għal dan.

Il-Qorti tara li fil-mori ta' din il-kawża ingħtaw s-segwenti digrieti:
Dak ordnat *pendente lite* fit- 28 ta' Novembru, 2014, u dak ordnat fid-Digriet tal-1 t'Ottubru, 2015 fejn effettivament il-Qorti ċaħdet dik it-talba tar-rikorrenti għall-varjazzjoni tad-digriet tat-28 ta' Novembru fejn talbet sabiex l-ammont jiġi rivedut għall-tlett mija u ħamsin Euro (€350) fix-xahar;

Illi filwaqt li mill-atti jirriżulta li l-ammont ta' mija u tmenin Euro (€180) manteniment fix-xahar tħallas mill-intimat fl-istess waqt pero mill-atti jirriżulta wkoll li r-rikorrenti qatt ma ħadet iż-żidiet tal-għoli tal-ħajja u l-Qorti temmen li r-rikorrenti kellha diffikulta` kbira biex tiġbor l-ispejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni;

Il-Qorti tinnota li ma hemmx talba sepċifika għall-arretrati, iżda dak li qed jiġi propost mir-rikorrenti hija proċdura li ġieli ġiet segwita. Fl-fatt issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet: **Audrey Buhagiar pro t noe vs Daniel Schembri**[103]

Illi l-Qorti tara li fl-2015 ir-rikorrenti ppreżentat rikors sabiex il-Qorti tvarja d-digriet tat- 28 ta' Novembru 2014, u għalhekk mhuwiex minnu li r-rikorrenti ma ppreżentatx rikors għall-varjazzjoni tad-digriet li kien jirregola l-manteniment. In oltre l-Qorti tfakkar illi dawn id-digrieti qatt ma jkunu finali , u l-Qorti għandha l-fakolta` li titbiegħed minnhom fis-sentenza finali tagħha, u dan fl-interess suprem tal-minuri kif tgħid il-liġi.

Fil-fehma tal-Qorti u fiċ-ċirkostanżi odjerni, is-somma ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin Euro (€375) f'manteniment kif illikwidat iktar 'il fuq f'din is-sentenza għandha tiġi applikata b'effett minn Lulju, 2018, u ċioe għal dawn l-aħħar ħames (5) snin. Minn tali somma pero` l-ewwel iridu jitnaqqsu l-ammonti kollha ta' manteniment li diġa tħallsu kull xahar mill-intimat kif ukoll dawk l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni li effettivament ġew imħallsin mill-intimat, iżda l-ispejjeż tal-attivita` extra-kurrikulari tal-pjanu ma jitnaqqsux minn din s-somma

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u konsegwentement taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

---

[103] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru, 2016 (Appell Nru. 24/2012/2)

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna li:

i) L-kura u kustodja tal-minuri Mattias E għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti A B C, b'dana li l-minuri jibqa' jirrisjedi mar-rikorrenti ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha, b'dana pero` li in kwantu għal deċiżjonijiet straordinarji relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet flimkien u dan salv f'każ ta' emerġenza li f'dak il-każ kull wieħed u waħda minnhom għandu jkollu d-dritt u l-awtorizzazzjoni sabiex jieħġu kwalunkwe deċiżjoni fl-aħjar interess tal-minuri;

ii) F'kull ħin il-minuri għandu jkollu passaport validu. L-applikazzjoni tal-Passaport tal-Minuri għandu jsir bil-firma /kunsens taż-żewġ ġenituri. Il-Passaport jinżamm mir-rikorrenti u għal bqija jsir referenza għal dak rifless fis-sezzjoni '*Passaport*';

iii) Fir-rigward ta' safar li jistgħu jagħmlu l-partijiet ad esklużjoni tal-ġenitur l-ieħor dan jista 'jsir skont dak deċiż fis-sezzjoni 'Safar'

iv) L-aċċess tal-missier għandu jiġi regolat skont dak rifless fis-sezzjoni: 'Aċċess'

2. Tilqa' it-tieni talba billi :

i) Tordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti rappreżentanti sehemu bħala manteniment kull xahar għall-minuri Mattias E, l-ammont globali ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€375) kull xahar. Dan l-ammont pagabbli kull xahar lir-rikorrenti mill-intimat jinkludi dak kollu relatat mal-minuri ħlief iż-żewġ eċċezzjonijiet li ġew ben spjegati fis-sezzjoni intestata *Manteniment*. B'hekk ħlief għal dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet indikati, r-rikorrenti ma jkollha ebda dritt li titlob xi flus addizjonali da parti tal-intimat.

ii) Tordna li tali manteniment għandu jgħola kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jittieħed direttament mill-kont bankarju tal-initmat permezz ta' *standing order* fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-intimat huwa obbligat li jħallas manteniment għat-tifel tiegħu Mattias E sakemm jagħlaq l-eta` tmintax(18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li t-tifel jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi full-time wara li jilħaq l-eta`maġġiorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruhha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *Childrens Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mir-rikorrenti għan-nom tal-minuri. F'każ li t-tifel jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax (18)-il sena , il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

iii)Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dan l-ammont ta' manteniment ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin Euro (€375) fix-xahar b'effett minn Lulju 2018. B'hekk il-Qorti tordna li minn dan l-ammont l-ewwel jitnaqqas kull ammont ta' manteniment li l-intimat diġa` ħallas lir-rikorrenti fil-perjodu in kwistjoni u għandhom jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż kollha li l-intimat ħallas f'dan l-istess perjodu fuq is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, iżda ma jitnaqqsux minn dan l-ammont l-ispejjeż li l-intimat ħallas għall-attivita` extra-kurrikulari tal-pjanu.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża inkluż dawk tal-perit legali jiġu sopportati mill-intimat.